Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/0079(COD)

19.7.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020
(COM(2023)0160 - C9-0061/2023 – 2023/0079(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Miriam Lexmann

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur tappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal qafas biex tiġi żgurata provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika. Għall-awtonomija strateġika tal-UE, huwa essenzjali li din ma tkunx dipendenti fuq ftit fornituri, speċjalment jekk dawn il-pajjiżi ma jkunux sħab strateġiċi iżda pjuttost rivali sistemiċi. Il-materja prima kritika hija essenzjali għas-suċċess tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, iżda wkoll għas-settur tas-sigurtà u d-difiża.

Għalhekk, jeħtieġ li l-UE tnaqqas id-dipendenzi eżistenti u tikseb sett aktar ibbilanċjat ta' fornituri. Idealment, dawn il-fornituri għandhom ikunu demokraziji stabbli li jaqsmu valuri komuni. Meta dan ma jkunx possibbli minħabba d-disponibbiltà limitata ta' ċerta materja prima kritika, huwa essenzjali li d-dipendenza fuq fornituri individwali tinżamm baxxa kemm jista' jkun sabiex jiġi evitat tfixkil fil-provvista f'każ ta' tensjonijiet ġeopolitiċi. L-UE jeħtiġilha tevita li tissostitwixxi d-dipendenza fuq rivali sistemiku wieħed biss biex issir dipendenti fuq pajjiż terz wieħed jew aktar li jistgħu jkunu ta' sfida għas-sigurtà tal-Unjoni.

Is-Sħubijiet Strateġiċi ma' pajjiżi tal-istess fehma huma l-pedament ta' diversifikazzjoni b'suċċess fir-rigward tal-materja prima kritika. Ir-Rapporteur tħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi aktar sħubijiet bħal dawn u żżid komponent tal-materja prima kritika fil-ftehimiet eżistenti u futuri ma' pajjiżi terzi. Aktar ma tkun wiesgħa l-firxa ta' pajjiżi sħab, aktar se tkun stabbli l-provvista.

Ir-Rapporteur tissuġġerixxi t-tisħiħ tal-komponent tad-drittijiet tal-bniedem sabiex jiġi żgurat li l-aċċess għal materja prima kritika ma jsirx għad-detriment taċ-ċittadini u l-ħaddiema f'pajjiżi terzi.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-aċċess għall-materja prima hu essenzjali għall-ekonomija ***tal-Unjoni*** u għall-funzjonament tas-suq intern. Hemm sett ta' materja prima mhux tal-enerġija u mhux agrikola li, minħabba l-importanza ekonomika kbira tiegħu u l-esponiment tiegħu għal riskju kbir ta' provvista, spiss ikkawżat minħabba konċentrazzjoni	(1) L-aċċess għall-materja prima hu essenzjali għall-ekonomija***, għas-sigurtà*** u ***għad-difiża, għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-Unjoni kif ukoll*** għall-funzjonament tas-suq intern. Hemm sett ta' materja prima mhux tal-enerġija u mhux agrikola li, minħabba l-importanza ekonomika kbira tiegħu u l-esponiment tiegħu għal riskju

qawwija tal-provvista minn ftit pajjiżi terzi, jitqies kritiku. Minħabba r-rwol ewlieni ta' ħafna materja prima kritika biex jitwettqu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u fid-dawl tal-użu tagħhom għall-applikazzjonijiet ***tad-difiża*** u spazjali, id-domanda se tiżdied b'mod esponenzjali fid-deċennji li ġejjin. Fl-istess ħin, ir-riskju ta' tfixkil fil-provvista qed jiżdied minħabba żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi u fil-kompetizzjoni għar-riżorsi. Barra minn hekk, jekk ma titmexxiex kif xieraq, iż-żieda fid-domanda għall-materja prima kritika tista' tikkaġuna impatti ambjentali u soċjali negattivi. Fid-dawl ta' dawn ix-xejriet, jeħtieġ jittieħdu miżuri li jiżguraw l-aċċess għal provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika biex jitħarsu r-reżiljenza ekonomika u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni.	kbir ta' provvista, spiss ikkawżat minħabba konċentrazzjoni qawwija tal-provvista minn ftit pajjiżi terzi, jitqies kritiku ***u strateġiku. Ħafna drabi, dawn il-pajjiżi terzi jitmexxew minn reġimi mhux demokratiċi u jingranaw ir-riżorsi tagħhom biex jeżerċitaw influwenza mhux xierqa fuq l-Unjoni jew saħansitra bħala mekkaniżmi koerċittivi kontra l-Unjoni***. Minħabba r-rwol ewlieni ta' ħafna materja prima kritika biex jitwettqu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u fid-dawl tal-użu tagħhom għall-applikazzjonijiet ***tas-sigurtà u d-difiża*** u spazjali, id-domanda se tiżdied b'mod esponenzjali fid-deċennji li ġejjin. Fl-istess ħin, ir-riskju ta' tfixkil fil-provvista qed jiżdied minħabba żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi***, fil-koordinazzjoni insuffiċjenti kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fost l-Unjoni Ewropea u s-sħab strateġiċi tagħha*** u fil-kompetizzjoni għar-riżorsi. Barra minn hekk, jekk ma titmexxiex ***jew ma tiġix immitigata*** kif xieraq, iż-żieda fid-domanda għall-materja prima kritika tista' tikkaġuna impatti ***fuq id-drittijiet tal-bniedem,*** ambjentali***, ekonomiċi*** u soċjali negattivi. Fid-dawl ta' dawn ix-xejriet, jeħtieġ jittieħdu miżuri li jiżguraw l-aċċess għal provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika biex jitħarsu r-reżiljenza ekonomika***, is-sigurtà u d-difiża*** u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni ***f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10 ta' Marzu 2022, il-Boxxla Strateġika, u l-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur***.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1 a) Fid-dawl tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, l-Istati Membri impenjaw ruħhom biex isaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej, filwaqt li jsegwu perkors ta' azzjoni strateġiku biex tiżdied il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi b'mod awtonomu fil-qasam tad-difiża, f'komplementarjetà mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO).

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1 b) L-assertività dejjem tikber tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, inkluż il-pożizzjoni aggressiva kontra t-Tajwan, u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19, kixfu l-vulnerabbiltajiet tal-Unjoni, u affermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jitnaqqas ir-riskju tar-relazzjonijiet tal-Unjoni fil-konfront tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u pajjiżi terzi oħra.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1 c) Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa u madwar id-dinja tirrikjedi riflessjoni urġenti dwar kif tista' tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista, inkluż fis-settur tad-difiża.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minħabba l-kumplessità u l-karattru tranżnazzjonali tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika, jekk il-miżuri nazzjonali maħsuba biex jiżguraw provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika ma jkunux ikkoordinati, hemm potenzjal qawwi li dawn ifixklu l-kompetizzjoni u jifframmentaw is-suq intern. Għalhekk, biex jitħares il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li ***jinħoloq*** qafas komuni ***tal-Unjoni*** li jindirizza b'mod kollettiv din l-isfida prinċipali.	(2) Minħabba l-kumplessità u l-karattru tranżnazzjonali tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika, ***l-isfidi tas-sigurtà li jiffaċċjaw ħafna forniturі tal-materja prima kif ukoll it-theddid għat-trasport,*** jekk il-miżuri nazzjonali maħsuba biex jiżguraw provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika ma jkunux ikkoordinati, hemm potenzjal qawwi li dawn ifixklu l-kompetizzjoni u jifframmentaw is-suq intern. Għalhekk, biex jitħares il-funzjonament tas-suq intern, ***l-UE*** jenħtieġ li ***toħloq*** qafas komuni li jindirizza b'mod kollettiv din l-isfida prinċipali.

Or. en

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2 a) Ladarba l-Unjoni tkun ħolqot il-qafas komuni tagħha biex tiżgura provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika, huwa meħtieġ li jkun hemm djalogu strutturat ma' sħab tal-istess fehma biex jiġu kondiviżi l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-immappjar tar-riżorsi u l-estrazzjoni ta' materja prima kritika, biex tiġi evitata tellieqa dannuża bejn is-sħab, u, barra minn hekk, biex tinġabar flimkien il-kapaċità ħalli jinkiseb aċċess ta' benefiċċju reċiproku għal materja prima kritika.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-ewwel nett, biex ikun żgurat b'mod effettiv l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika, jenħtieġ li dak il-qafas ikun jinkludi miżuri li jnaqqsu r-riskji dejjem akbar tal-provvista tal-Unjoni billi jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni tul l-istadji kollha tal-katina tal-valur tal-materja prima strateġika, inkluż l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ, favur parametri referenzjarji definiti għal kull materja prima strateġika. It-tieni, billi l-Unjoni se tibqa' tkun dipendenti fuq l-importazzjonijiet, jenħtieġ li l-qafas ikun jinkludi miżuri li jżidu d-diversifikazzjoni tal-provvisti esterni tal-materja prima strateġika. It-tielet, jeħtieġ isiru miżuri li jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li timmonitorja u ttaffi r-riskji eżistenti u futuri tal-provvista. ***Ir-raba'***, jenħtieġ li l-qafas ikun fih miżuri li jżidu ċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà tal-materja prima kritika kkonsmata fl-Unjoni.	(3) L-ewwel nett, biex ikun żgurat b'mod effettiv l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura***, mingħajr xkiel*** u sostenibbli tal-materja prima kritika, jenħtieġ li dak il-qafas ikun jinkludi miżuri li jnaqqsu ***d-domanda, id-dipendenza u*** r-riskji dejjem akbar tal-provvista tal-Unjoni billi jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni tul l-istadji kollha tal-katina tal-valur tal-materja prima strateġika, inkluż l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ ***u l-infrastruttura tat-trasport***, favur parametri referenzjarji definiti għal kull materja prima strateġika. It-tieni, billi l-Unjoni se tibqa' tkun dipendenti fuq l-importazzjonijiet, jenħtieġ li l-qafas ikun jinkludi miżuri li jżidu d-diversifikazzjoni tal-provvisti esterni tal-materja prima strateġika***, u titnaqqas id-dipendenza tagħha b'mod partikolari fuq pajjiżi terzi li huma rikonoxxuti mill-Unjoni bħala rivali sistemiċi, jikkostitwixxu theddida diretta għall-Unjoni u/jew joħolqu theddida għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli u l-valuri demokratiċi ewlenin, speċjalment ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina***. It-tielet ***nett, il-miżuri biex tiżdied id-diversifikazzjoni jridu jikkunsidraw l-interessi u l-prinċipji strateġiċi tal-Unjoni minquxa fit-Trattati tal-UE. Ir-raba'***, jeħtieġ isiru miżuri li jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li ***tidentifika,*** timmonitorja u ttaffi r-riskji eżistenti u futuri tal-provvista. ***Il-ħames***, jenħtieġ li l-qafas ikun fih miżuri li jżidu ċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà tal-materja prima kritika kkonsmata fl-Unjoni ***u jenħtieġ li jipprevedi strateġiji ta' kooperazzjoni biex jiġu promossi tali miżuri f'pajjiżi terzi***.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3 a) Il-ftehimiet futuri tal-UE dwar il-kummerċ ħieles u s-sħubija jistgħu jipprovdu mhux biss aktar sigurtà tal-provvista iżda wkoll qafas politiku u ekonomiku affidabbli għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi. L-UE jenħtieġ li tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali eżistenti u futuri jappoġġjaw tranżizzjoni ekoloġika ġusta fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jsegwu l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", u, fejn possibbli, jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-materja prima kritika. Dan irid jiġi kkomplementat minn monitoraġġ u infurzar imsaħħa tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, inklużi kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, biex jiġi żgurat li l-impenji u d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist responsabbli ta' materja prima kritika jiġu definiti u ssodisfati mis-sħab tal-Unjoni.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti fir-Regolament ikunu jiffukaw fuq l-aktar materjali rilevanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista tal-materja prima strateġika u lista tal-materja prima kritika. Dawk il-listi jenħtieġ li jservu wkoll biex jiggwidaw u jikkoordinaw l-isforzi tal-Istati Membri favur it-twettiq tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-lista tal-materja prima strateġika jkun fiha materja prima li għandha importanza strateġika kbira, filwaqt li jitqies l-użu tagħha fit-teknoloġiji strateġiċi li fuqhom	(4) Biex ikun żgurat li l-miżuri stabbiliti fir-Regolament ikunu jiffukaw fuq l-aktar materjali rilevanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista tal-materja prima strateġika u lista tal-materja prima kritika. Dawk il-listi jenħtieġ li jservu wkoll biex jiggwidaw u jikkoordinaw l-isforzi tal-Istati Membri favur it-twettiq tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-lista tal-materja prima strateġika jkun fiha materja prima li għandha importanza strateġika kbira, filwaqt li jitqies l-użu tagħha fit-teknoloġiji strateġiċi li fuqhom

jistrieħu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jew għall-applikazzjonijiet tad-difiża jew spazjali, li qed iġarrbu diskrepanza potenzjalment sinifikanti bejn il-provvista dinjija u d-domanda projettata, u li hu relattivament diffiċli li tiżdied il-produzzjoni tagħhom, pereżempju minħabba ż-żminijiet twal meħtieġa għal proġetti ġodda li jżidu l-kapaċità tal-provvista. Biex jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi u ekonomiċi possibbli, jenħtieġ li l-lista tal-materjali strateġiċi tiġi rieżaminata b'mod perjodiku u, jekk ikun meħtieġ, tiġi aġġornata. Biex ikun żgurat li l-isforzi li jżidu l-kapaċitajiet tal-Unjoni tul il-katina tal-valur, li jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li timmonitorja u ttaffi r-riskji tal-provvista, u li jżidu d-diversifikazzjoni tal-provvista jkunu ffokati fuq il-materjali li tant jeħtieġu, jenħtieġ li l-miżuri rilevanti jkunu japplikaw biss għal-lista tal-materja prima strateġika.

jistrieħu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jew għall-applikazzjonijiet tad-difiża jew spazjali, li qed iġarrbu diskrepanza potenzjalment sinifikanti bejn il-provvista dinjija u d-domanda projettata, u li hu relattivament diffiċli li tiżdied il-produzzjoni tagħhom, pereżempju minħabba ż-żminijiet twal meħtieġa għal proġetti ġodda li jżidu l-kapaċità tal-provvista. Biex jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi u ekonomiċi possibbli, jenħtieġ li l-lista tal-materjali strateġiċi tiġi rieżaminata b'mod perjodiku u, jekk ikun meħtieġ, tiġi aġġornata. ***Il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis mhux biss l-aħħar data disponibbli iżda l-evoluzzjoni prevista tad-domanda u l-provvista fuq perjodu ta' referenza xieraq, biex jiġu indirizzati l-iskarsezza jew it-tfixkil fil-provvista possibbli fil-futur.*** Biex ikun żgurat li l-isforzi li jżidu l-kapaċitajiet tal-Unjoni tul il-katina tal-valur, li jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li timmonitorja u ttaffi r-riskji tal-provvista, u li jżidu d-diversifikazzjoni tal-provvista jkunu ffokati fuq il-materjali li tant jeħtieġu, jenħtieġ li l-miżuri rilevanti jkunu japplikaw biss għal-lista tal-materja prima strateġika.

Or. en

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li l-lista tal-materja prima kritika tkun tinkludi l-materja prima strateġika kollha u kull materja prima oħra ta' importanza kbira għall-ekonomija ġenerali tal-Unjoni u li jkollha riskju kbir ta' tfixkil fil-provvista. Biex jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi u ekonomiċi possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fil-kontinwazzjoni tal-prattika attwali, minn żmien għal żmien twettaq valutazzjoni abbażi tad-data dwar il-produzzjoni, il-	(5) Jenħtieġ li l-lista tal-materja prima kritika tkun tinkludi l-materja prima strateġika kollha u kull materja prima oħra ta' importanza kbira għall-ekonomija ġenerali tal-Unjoni u li jkollha riskju kbir ta' tfixkil fil-provvista***, b'mod naturali jew intenzjonat***. Biex jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi u ekonomiċi possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni, fil-kontinwazzjoni tal-prattika attwali, minn żmien għal żmien twettaq valutazzjoni abbażi tad-data dwar

kummerċ, l-applikazzjonijiet, ir-riċiklaġġ, u s-sostituzzjoni għal firxa wiesgħa ta' materja prima biex taġġorna l-listi tal-materja prima kritika u strateġika ħalli dawn ikunu jirriflettu l-evoluzzjoni fl-importanza ekonomika u r-riskju tal-provvista assoċjat ma' dik il-materja prima. Jenħtieġ li l-lista tal-materja prima kritika tkun tinkludi dik il-materja prima li tilħaq jew taqbeż il-limiti tal-importanza ekonomika u tar-riskju tal-provvista, mingħajr ma tikklassifika l-materja prima rilevanti mil-lat ta' kritikalità. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tkun ibbażata fuq medja tal-aħħar data disponibbli f'perjodu ta' ***5 snin***. Jenħtieġ li l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament relatati ma' punt uniku ta' servizz għall-permessi, l-ippjanar, l-esplorazzjoni, il-monitoraġġ, iċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà jkunu japplikaw għall-materja prima kritika kollha.

il-produzzjoni, il-kummerċ, l-applikazzjonijiet, ir-riċiklaġġ, u s-sostituzzjoni għal firxa wiesgħa ta' materja prima biex taġġorna l-listi tal-materja prima kritika u strateġika ħalli dawn ikunu jirriflettu l-evoluzzjoni fl-importanza ekonomika u r-riskju tal-provvista assoċjat ma' dik il-materja prima. Jenħtieġ li l-lista tal-materja prima kritika tkun tinkludi dik il-materja prima li tilħaq jew taqbeż il-limiti tal-importanza ekonomika u tar-riskju tal-provvista, mingħajr ma tikklassifika l-materja prima rilevanti mil-lat ta' kritikalità. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tkun ibbażata fuq medja tal-aħħar data disponibbli f'perjodu ta' ***sentejn***. Jenħtieġ li l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament relatati ma' punt uniku ta' servizz għall-permessi, l-ippjanar, l-esplorazzjoni, il-monitoraġġ, iċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà jkunu japplikaw għall-materja prima kritika kollha.

Or. en

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni tul il-katina tal-valur tal-materja prima strateġika, jenħtieġ li jiġu stabbiliti parametri referenzjarji li jiggwidaw l-isforzi u jsegwu l-progress. Jenħtieġ li l-għan ikun li jiżdiedu l-kapaċitajiet għal kull materja prima strateġika f'kull stadju tal-katina tal-valur, filwaqt li jfittex li jinkisbu parametri referenzjarji tal-kapaċità ġenerali għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materja prima strateġika. L-ewwel nett, jenħtieġ li l-Unjoni żżid l-użu tar-riżorsi ġeoloġiċi proprji tagħha tal-materja prima strateġika u tibni l-kapaċità li tippermettilha toħroġ il-materjali meħtieġa għall-produzzjoni ta' mill-anqas	(6) Biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Unjoni tul il-katina tal-valur tal-materja prima strateġika, jenħtieġ li jiġu stabbiliti parametri referenzjarji li jiggwidaw l-isforzi u jsegwu l-progress. Jenħtieġ li l-għan ikun li jiżdiedu l-kapaċitajiet għal kull materja prima strateġika f'kull stadju tal-katina tal-valur, filwaqt li jfittex li jinkisbu parametri referenzjarji tal-kapaċità ġenerali għall-estrazzjoni, ***it-trasport,*** l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materja prima strateġika. L-ewwel nett, jenħtieġ li l-Unjoni żżid l-użu tar-riżorsi ġeoloġiċi proprji tagħha tal-materja prima strateġika u tibni l-kapaċità li tippermettilha toħroġ il-materjali meħtieġa għall-produzzjoni ta'

10 % tal-konsum tal-materja prima strateġika tal-Unjoni. Meta wieħed iqis li l-kapaċità tal-estrazzjoni tiddependi ħafna fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi ġeoloġiċi tal-Unjoni, il-kisba ta' dan il-parametru referenzjarju tiddependi fuq tali disponibbiltà. It-tieni, biex tinbena katina tal-valur sħiħa u tiġi evitata konġestjoni fl-istadji intermedji, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżid ukoll il-kapaċità tal-ipproċessar tagħha tul il-katina tal-valur u tkun tista' tipproduċi mill-anqas 40 % tal-konsum annwali tagħha tal-materja prima strateġika. It-tielet, fid-deċennji li ġejjin, sehem dejjem akbar mill-konsum tal-Unjoni tal-materja prima strateġika mistenni jkun jista' jiġi kopert minn materja prima sekondarja, li ttejjeb kemm is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-materja prima tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-kapaċità tar-riċiklaġġ tal-Unjoni tkun tista' tipproduċi mill-anqas 15 % tal-konsum annwali tal-Unjoni tal-materja prima strateġika. Dawn il-parametri referenzjarji jirreferu għall-perjodu sal-2030, f'konformità mal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u l-miri diġitali tad-Deċennju Diġitali[2], li dawn jirfdu. Barra minn hekk, l-impjiegi ta' kwalità, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tranżizzjonijiet minn impjieg għall-ieħor, se jindirizzaw ir-riskji fis-suq tax-xogħol settorjali u jgħinu biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-UE.

mill-anqas 10 % tal-konsum tal-materja prima strateġika tal-Unjoni. Meta wieħed iqis li l-kapaċità tal-estrazzjoni tiddependi ħafna fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi ġeoloġiċi tal-Unjoni, il-kisba ta' dan il-parametru referenzjarju tiddependi fuq tali disponibbiltà. It-tieni, biex tinbena katina tal-valur sħiħa u tiġi evitata konġestjoni fl-istadji intermedji, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżid ukoll il-kapaċità tal-ipproċessar tagħha tul il-katina tal-valur u tkun tista' tipproduċi mill-anqas 40 % tal-konsum annwali tagħha tal-materja prima strateġika. It-tielet, fid-deċennji li ġejjin, sehem dejjem akbar mill-konsum tal-Unjoni tal-materja prima strateġika mistenni jkun jista' jiġi kopert minn materja prima sekondarja, li ttejjeb kemm is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-materja prima tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-kapaċità tar-riċiklaġġ tal-Unjoni tkun tista' tipproduċi mill-anqas 15 % tal-konsum annwali tal-Unjoni tal-materja prima strateġika. Dawn il-parametri referenzjarji jirreferu għall-perjodu sal-2030, f'konformità mal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u l-miri diġitali tad-Deċennju Diġitali[2], li dawn jirfdu. Barra minn hekk, l-impjiegi ta' kwalità, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tranżizzjonijiet minn impjieg għall-ieħor, se jindirizzaw ir-riskji fis-suq tax-xogħol settorjali u jgħinu biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-UE.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm

ta’ Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4-26)	ta’ Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4-26)

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għal xi materja prima, l-Unjoni tiddependi kważi għalkollox fuq pajjiż wieħed għall-provvista tagħha. Tali dipendenzi jinvolvu riskju ***kbar*** ta’ tfixkil fil-provvista. Biex ***jiġi limitat dan ir-riskju potenzjali*** u tiżdied ir-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni, jenħtieġ li jsiru sforzi biex ikun żgurat li sal-2030 ma tkunx dipendenti fuq pajjiż terz wieħed għal aktar minn 65% tal-provvista tagħha ta’ xi materja prima strateġika, mhux ipproċessata u fi kwalunkwe stadju tal-ipproċessar, ***filwaqt li iżda tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-pajjiżi li magħhom l-Unjoni stabbiliet Sħubija Strateġika dwar il-materja*** prima li ***tagħti lok għal aktar assigurazzjonijiet fir-rigward tar-riskji tal-provvista***.	(7) Għal xi materja prima, l-Unjoni tiddependi kważi għalkollox fuq pajjiż wieħed għall-provvista tagħha. Tali dipendenzi jinvolvu riskju ***kbir*** ta’ tfixkil fil-provvista ***u, fil-każ tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, iżidu l-vulnerabbiltà u r-riskji għas-sigurtà tal-Unjoni. Bl-istess mod, għadd kbir ta’ materja prima strateġika ġejja minn pajjiżi fejn l-estrazzjoni hija marbuta ma’ abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, id-deterjorament tal-governanza, il-kunflitti, u l-qerda ambjentali***. Biex ***jiġu limitati dawn l-effetti negattivi*** u tiżdied ir-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni, jenħtieġ li jsiru sforzi biex ikun żgurat li sal-2030 ma tkunx dipendenti fuq pajjiż terz wieħed għal aktar minn 65 % ***bil-għan li tkompli tnaqqas dawn id-dipendenzi għal madwar 45 % fil-futur*** tal-provvista tagħha ta’ xi materja prima strateġika, mhux ipproċessata u fi kwalunkwe stadju tal-ipproċessar, ***u tkun implimentat miżuri awtonomi u kollaborattivi biex jittaffa r-riskju ta’ abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u ta’ qerda ambjentali fil-katina tal-provvista tal-materja*** prima***, inkluż permezz tal-użu ta’ Sħubiji Strateġiċi. Barra minn hekk, id-dipendenzi jenħtieġ*** li ***jitnaqqsu gradwalment u jitnaqqsu kemm jista’ jkun meta dawn jorbtuna ma’ pajjiżi mhux demokratiċi li b’mod attiv jisfidaw is-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli***.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Biex tiġi ddiversifikata l-provvista tal-materja prima strateġika tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Bord, tidentifika Proġetti Strateġiċi f'pajjiżi terzi li jkun beħsiebhom isiru attivi fl-estrazzjoni, l-ipproċessar jew ir-riċiklaġġ tal-materja prima strateġika. Biex ikun żgurat li tali Proġetti Strateġiċi jiġu implimentati b'mod effettiv, jenħtieġ li ***dawn igawdu*** aċċess aħjar għall-finanzjament. Biex ikun żgurat il-valur miżjud tagħhom, il-proġetti jenħtieġ li jiġu vvalutati skont sett ta' kriterji. Bħall-proġetti fl-Unjoni, il-Proġetti Strateġiċi fil-pajjiżi terzi jenħtieġ li jkunu jsaħħu s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-materja prima strateġika, juru fattibbiltà teknika biżżejjed u jiġu implimentati b'mod sostenibbli. Għall-proġetti fi swieq emerġenti u fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw, il-proġett jenħtieġ li jkollu benefiċċju reċiproku għall-Unjoni u għall-pajjiż terz involut u jżid il-valur f'dak il-pajjiż, filwaqt li titqies ukoll il-konsistenza tiegħu mal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni. Tali valur jista' jinkiseb bil-kontribut tal-proġett lil aktar minn stadju wieħed tal-katina tal-valur u bil-ħolqien ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali usa' permezz tal-proġett, inkluż il-ħolqien tal-impjiegi skont standards internazzjonali. Meta l-Kummissjoni tivvaluta li dawn il-kriterji ntlaħqu, jenħtieġ li tippubblika r-rikonoxximent bħala Proġett Strateġiku f'deċiżjoni.	(10) Biex tiġi ddiversifikata l-provvista tal-materja prima strateġika tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Bord, ***u, fejn possibbli, f'koordinazzjoni mas-sħab tal-istess fehma, inklużi l-G7 u n-NATO u l-Istati Membri tal-EFTA,*** tidentifika Proġetti Strateġiċi f'pajjiżi terzi li jkun beħsiebhom isiru attivi fl-estrazzjoni, ***it-trasport,*** l-ipproċessar jew ir-riċiklaġġ tal-materja prima strateġika. Biex ikun żgurat li tali Proġetti Strateġiċi jiġu implimentati b'mod effettiv ***u jkunu ta' benefiċċju reċiproku***, ***il-pajjiżi terzi*** jenħtieġ li ***jgawdu*** aċċess aħjar għall-finanzjament***, u mekkaniżmi għat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija***. Biex ikun żgurat il-valur miżjud tagħhom, il-proġetti jenħtieġ li jiġu vvalutati skont sett ta' kriterji. Bħall-proġetti fl-Unjoni, il-Proġetti Strateġiċi fil-pajjiżi terzi jenħtieġ li jkunu jsaħħu s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-materja prima strateġika, juru fattibbiltà teknika biżżejjed u jiġu implimentati b'mod sostenibbli ***u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjali rigoruż, u l-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' diliġenza dovuta***. Għall-proġetti fi swieq emerġenti u fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw, il-proġett jenħtieġ li jkollu benefiċċju reċiproku għall-Unjoni u għall-pajjiż terz involut u jżid il-valur f'dak il-pajjiż, filwaqt li titqies ukoll il-konsistenza tiegħu ***mal-prinċipji minquxa fit-Trattati tal-UE,*** mal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni ***u mal-prijoritajiet strateġiċi kif ukoll mal-ftehimiet u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet tal-ILO kif***

ukoll id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat f'konformità mad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP). Tali valur jista' jinkiseb bil-kontribut tal-proġett lil aktar minn stadju wieħed tal-katina tal-valur ***kollha*** u bil-ħolqien ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali usa' permezz tal-proġett, inkluż il-ħolqien tal-impjiegi skont standards internazzjonali. Meta l-Kummissjoni tivvaluta li dawn il-kriterji ntlaħqu, jenħtieġ li tippubblika r-rikonoxximent bħala Proġett Strateġiku f'deċiżjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Biex tkun żgurata s-sostenibbiltà taż-żieda fil-produzzjoni tal-materja prima, il-proġetti ġodda tal-materja prima jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod sostenibbli. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Proġetti Strateġiċi li jirċievu appoġġ skont dan ir-Regolament jiġu vvalutati filwaqt li jitqiesu l-istrumenti internazzjonali li jkopru l-aspetti kollha tas-sostenibbiltà enfasizzati fil-prinċipji tal-UE għall-materja prima sostenibbli[31], inkluż li jkunu żgurati l-protezzjoni ambjentali, prattiki soċjalment responsabbli, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem bħad-drittijiet tan-nisa, u prattiki kummerċjali trasparenti. Il-proġetti jenħtieġ li jiżguraw ukoll impenn in bona fede u konsultazzjonijiet komprensivi u sinifikanti mal-komunitajiet lokali, inkluż mal-popli indiġeni. Biex il-promoturi tal-proġetti jingħataw mod ċar u effiċjenti biex jikkonformaw ma' dan il-kriterju, il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, mal-istandards, il-linji gwida u l-prinċipji internazzjonali jew ***il-parteċipazzjoni fi skema taċ-ċertifikazzjoni*** rikonoxxuta skont dan ir-	(11) Biex tkun żgurata s-sostenibbiltà ***soċjali u ambjentali*** taż-żieda fil-produzzjoni tal-materja prima, il-proġetti ġodda tal-materja prima jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod sostenibbli ***u jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem***. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Proġetti Strateġiċi li jirċievu appoġġ skont dan ir-Regolament jiġu vvalutati filwaqt li jitqiesu l-istrumenti internazzjonali li jkopru l-aspetti kollha tas-sostenibbiltà enfasizzati fil-prinċipji tal-UE għall-materja prima sostenibbli[31], inkluż li jkunu żgurati l-protezzjoni ambjentali, prattiki soċjalment responsabbli, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem bħad-drittijiet tan-nisa ***u tat-tfal***, u prattiki kummerċjali trasparenti. Il-proġetti jenħtieġ li jiżguraw ukoll impenn *in bona fede* u konsultazzjonijiet komprensivi***, prammatiċi*** u sinifikanti ***minn qabel*** mal-komunitajiet lokali, inkluż mal-popli indiġeni. Biex il-promoturi tal-proġetti jingħataw mod ċar u effiċjenti biex jikkonformaw ma' dan il-kriterju, il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-

Regolament jenħtieġ li titqies biżżejjed.

Unjoni, ***inklużi d-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva jew ir-Regolament dwar il-Projbizzjoni ta' Prodotti Magħmulin b'Xogħol Furzat fis-Suq tal-Unjoni,*** mal-istandards, il-linji gwida u l-prinċipji internazzjonali jew ***f'konformità maċ-ċertifikazzjoni*** rikonoxxuta skont dan ir-Regolament jenħtieġ li titqies biżżejjed. ***Il-promoturi tal-proġetti jenħtieġ li jkollhom fehim profond tal-pajjiż li qed jinnegozjaw miegħu, jibnu relazzjoni mal-komunitajiet lokali u jifhmu tabilħaqq il-ħtiġijiet, l-input u l-output tagħhom għall-proġett. Jeħtieġ li l-UE tibni sħubijiet fit-tul li jmorru lil hinn mill-iskop uniku tal-aċċess għall-materja prima, iżda toħloq rabtiet diplomatiċi f'kuntest ġeopolitiku polarizzat ħafna. Sabiex jiġi żgurat li l-Proġetti Strateġiċi jiġu implimentati b'mod sostenibbli u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, jenħtieġ li jiġi stabbilit sottogrupp iddedikat tal-Bord li jlaqqa' flimkien esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni kif ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti biex jimmonitorja u jindirizza n-nuqqasijiet potenzjali fir-rigward ta' dawn l-aspetti.***

---

[31] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Il-prinċipji tal-UE għal materja prima sostenibbli, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/23e4b6a0-41da-11ec-89db-01aa75ed71a1

[31] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Il-prinċipji tal-UE għal materja prima sostenibbli, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/23e4b6a0-41da-11ec-89db-01aa75ed71a1

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Kull promotur ta' proġett tal-materja prima strateġika jenħtieġ li jkun jista' jitlob lill-Kummissjoni r-	(12) Kull promotur ta' proġett tal-materja prima strateġika jenħtieġ li jkun jista' jitlob lill-Kummissjoni r-

rikonoxximent tal-proġett tiegħu bħala Proġett Strateġiku. L-applikazzjoni jenħtieġ li tkun tinkludi diversi dokumenti u evidenza relatati mal-kriterji. Biex tiġi vvalutata aħjar il-vijabbiltà soċjali, ambjentali u ekonomika, il-fattibbiltà tal-proġett, u l-livell ta' fiduċja fl-istimi, il-promotur tal-proġett jenħtieġ li jipprovdi wkoll klassifikazzjoni tal-proġett skont il-Klassifikazzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riżorsi, u biex issir validazzjoni oġġettiva, jenħtieġ li ***jappoġġa*** din il-klassifikazzjoni b'evidenza rilevanti. Ma' applikazzjoni, jenħtieġ li tinhemeż ukoll skeda taż-żmien għall-proġett ħalli jiġi stmat meta l-proġett ikun jista' jikkontribwixxi għall-parametri referenzjarji tal-kapaċità domestika jew tad-diversifikazzjoni. Billi l-aċċettazzjoni pubblika tal-proġetti tal-estrazzjoni hi kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-promotur jipprovdi wkoll pjan li jkun fih miżuri li ***jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni*** pubblika. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lis-sħab soċjali, lis-soċjetà ċivili u lil atturi oħra ta' sorveljanza. Il-promotur jenħtieġ li jipprovdi wkoll pjan kummerċjali li jipprovdi informazzjoni dwar il-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett u li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-ftehimiet tal-finanzjament u tax-xiri diġà garantiti kif ukoll stimi għall-ħolqien potenzjali tal-impjiegi u għall-ħtiġijiet tal-proġett mil-lat ta' ħaddiema tal-ħiliet, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.	rikonoxximent tal-proġett tiegħu bħala Proġett Strateġiku. L-applikazzjoni jenħtieġ li tkun tinkludi diversi dokumenti u evidenza relatati mal-kriterji. Biex tiġi vvalutata aħjar il-vijabbiltà soċjali, ambjentali u ekonomika, il-fattibbiltà tal-proġett, u l-livell ta' fiduċja fl-istimi, il-promotur tal-proġett jenħtieġ li jipprovdi wkoll klassifikazzjoni tal-proġett skont il-Klassifikazzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riżorsi, u biex issir validazzjoni oġġettiva, jenħtieġ li ***jappoġġja*** din il-klassifikazzjoni b'evidenza rilevanti. Ma' applikazzjoni, jenħtieġ li tinhemeż ukoll skeda taż-żmien għall-proġett ħalli jiġi stmat meta l-proġett ikun jista' jikkontribwixxi għall-parametri referenzjarji tal-kapaċità domestika jew tad-diversifikazzjoni. Billi l-aċċettazzjoni pubblika tal-proġetti tal-estrazzjoni hi kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom, jenħtieġ li l-promotur jipprovdi wkoll pjan li jkun fih miżuri li ***jiżguraw il-parteċipazzjoni*** pubblika. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lis-sħab soċjali, lis-soċjetà ċivili u lil atturi oħra ta' sorveljanza. Il-promotur jenħtieġ li jipprovdi wkoll pjan kummerċjali li jipprovdi informazzjoni dwar il-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett u li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-ftehimiet tal-finanzjament u tax-xiri diġà garantiti kif ukoll stimi għall-ħolqien potenzjali tal-impjiegi u għall-ħtiġijiet tal-proġett mil-lat ta' ħaddiema tal-ħiliet, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.
	Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Biex ikun żgurat it-trattament	(13) Biex ikun żgurat it-trattament

effettiv u effiċjenti tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tagħti prijorità lill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-proġetti relatati ma' stadji speċifiċi tal-katina tal-valur jew materja prima strateġika sottorappreżentati, biex tkun tista' tiżgura l-progress bilanċjat tal-Unjoni tal-parametri referenzjarji kollha tal-kapaċità tal-Unjoni inklużi f'dan ir-Regolament.	effettiv u effiċjenti tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tagħti prijorità lill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-proġetti relatati ma' stadji speċifiċi tal-katina tal-valur jew materja prima strateġika sottorappreżentati, biex tkun tista' tiżgura l-progress bilanċjat tal-Unjoni tal-parametri referenzjarji kollha tal-kapaċità tal-Unjoni inklużi f'dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li wkoll tfittex b'mod proattiv il-pajjiżi sħab biex tippromwovi kollaborazzjonijiet strateġiċi.***

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Peress li hemm bżonn il-kooperazzjoni tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun se jiġi implimentat Proġett Strateġiku ħalli tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tiegħu, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jkollu d-dritt li joġġezzjona għalih u b'hekk jipprevjeni li proġett jingħata l-istatus ta' Proġett Strateġiku kontra r-rieda tiegħu. Meta jagħmel dan, l-Istat Membru rilevanti jenħtieġ li jipprovdi ġustifikazzjoni motivata għar-rifjut tiegħu billi jirreferi għall-kriterji applikabbli. Bl-istess mod, ***il-Unjoni*** jenħtieġ li ma tagħtix l-istatus ta' Proġett Strateġiku lill-proġetti li jkunu se jitwettqu minn pajjiż terz kontra r-rieda tal-gvern tiegħu u għalhekk jenħtieġ li toqgħod lura milli tagħmel dan meta gvern ta' pajjiż terz joġġezzjona.	(14) Peress li hemm bżonn il-kooperazzjoni tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun se jiġi implimentat Proġett Strateġiku ħalli tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tiegħu, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jkollu d-dritt li joġġezzjona għalih u b'hekk jipprevjeni li proġett jingħata l-istatus ta' Proġett Strateġiku kontra r-rieda tiegħu. Meta jagħmel dan, l-Istat Membru rilevanti jenħtieġ li jipprovdi ġustifikazzjoni motivata għar-rifjut tiegħu billi jirreferi għall-kriterji applikabbli. Bl-istess mod, ***l-Unjoni*** jenħtieġ li ma tagħtix l-istatus ta' Proġett Strateġiku lill-proġetti li jkunu se jitwettqu minn pajjiż terz kontra r-rieda tal-gvern tiegħu u għalhekk jenħtieġ li toqgħod lura milli tagħmel dan meta gvern ta' pajjiż terz joġġezzjona***, filwaqt li jitqies li l-impatti ambjentali u soċjali huma l-fatturi ewlenin li jwasslu għal nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika fis-settur estrattiv***.

Or. en

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba r-rwol tagħhom li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-materja prima strateġika, u l-kontribut tagħhom ***għall-awtonomija*** strateġika miftuħa tal-Unjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il-Proġetti Strateġiċi jenħtieġ li jitqiesu mill-awtorità tal-permessi responsabbli li huma fl-interess pubbliku. Il-Proġetti Strateġiċi li jħallu impatt ħażin fuq l-ambjent, sa fejn dan jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE, tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u tad-Direttiva 2009/147/KE***39*** jistgħu jiġu awtorizzati meta l-awtorità tal-permessi responsabbli tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni każ b'każ tagħha, li l-interess pubbliku moqdi mill-proġett jisboq dawk l-impatti, ***diment*** li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dawk id-Direttivi. Meta rilevanti, il-valutazzjoni każ b'każ jenħtieġ li tqis l-ispeċifiċità ġeoloġika tas-siti tal-estrazzjoni, li tillimita d-deċiżjonijiet dwar il-post.	(19) Minħabba r-rwol tagħhom li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-materja prima strateġika, u l-kontribut tagħhom ***għas-sigurtà, ir-reżiljenza, l-awtonomija*** strateġika miftuħa tal-Unjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il-Proġetti Strateġiċi jenħtieġ li jitqiesu mill-awtorità tal-permessi responsabbli li huma fl-interess pubbliku. Il-Proġetti Strateġiċi li jħallu impatt ħażin fuq l-ambjent, sa fejn dan jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE, tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u tad-Direttiva 2009/147/KE jistgħu jiġu awtorizzati meta l-awtorità tal-permessi responsabbli tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni każ b'każ tagħha, li l-interess pubbliku moqdi mill-proġett jisboq dawk l-impatti, ***dment*** li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dawk id-Direttivi. Meta rilevanti, il-valutazzjoni każ b'każ jenħtieġ li tqis l-ispeċifiċità ġeoloġika tas-siti tal-estrazzjoni, li tillimita d-deċiżjonijiet dwar il-post.
[39] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).	[39] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7–25).

Or. en

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Biex titnaqqas il-kumplessità u jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza fil-proċess tal-permessi, il-promoturi tal-proġetti tal-materja prima kritika jenħtieġ li jkunu jistgħu jinteraġixxu ma' awtorità nazzjonali waħda, li tkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-proċess kollu tal-għoti tal-permessi u li, fil-każ tal-Proġetti Strateġiċi, toħroġ deċiżjoni komprensiva fil-limitu taż-żmien applikabbli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtorità nazzjonali kompetenti waħda. Meta jkun meħtieġ fid-dawl tal-organizzazzjoni interna ta' Stat Membru, il-kompiti tal-awtorità nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu delegati lil awtorità differenti, soġġetta għall-istess kundizzjonijiet. Biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tar-responsabbiltajiet tagħha, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu persunal u riżorsi biżżejjed lill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħhom, jew lil awtorità li taġixxi f'isimha.	(20) Biex titnaqqas il-kumplessità u jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza fil-proċess tal-permessi, il-promoturi tal-proġetti tal-materja prima kritika jenħtieġ li jkunu jistgħu jinteraġixxu ma' awtorità nazzjonali waħda, li tkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-proċess kollu tal-għoti tal-permessi u li, fil-każ tal-Proġetti Strateġiċi, toħroġ deċiżjoni komprensiva fil-limitu taż-żmien applikabbli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw awtorità nazzjonali kompetenti waħda. Meta jkun meħtieġ fid-dawl tal-organizzazzjoni interna ta' Stat Membru, il-kompiti tal-awtorità nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu delegati lil awtorità differenti, soġġetta għall-istess kundizzjonijiet. Biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tar-responsabbiltajiet tagħha, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu persunal u riżorsi ***kwalifikati*** biżżejjed lill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħhom, jew lil awtorità li taġixxi f'isimha.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-kunflitti dwar l-użu tal-art jistgħu ***joħolqu ostakli għall-varar*** tal-proġetti tal-materja prima kritika. Pjanijiet imfassla tajjeb, inkluż pjanijiet spazjali u t-tqassim f'żoni, li jqisu l-potenzjal ta' implimentazzjoni tal-proġetti tal-materja prima kritika u jiġu vvalutati l-impatti ambjentali potenzjali tagħhom, għandhom il-potenzjal li jgħinu fil-bilanċ bejn il-beni	(25) Il-kunflitti dwar l-użu tal-art jistgħu ***jirriżultaw mill-varar*** tal-proġetti tal-materja prima kritika***, b'mod partikolari f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn l-iżgumbrament jew ir-rilokazzjoni furzati huma karatteristiċi komuni tal-operazzjonijiet tal-estrazzjoni***. Pjanijiet imfassla tajjeb, inkluż pjanijiet spazjali u t-tqassim f'żoni, li jqisu l-potenzjal ta'

u l-interessi pubbliċi, jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitt u jitħaffef il-varar sostenibbli tal-proġetti tal-materja prima fl-Unjoni. Għalhekk, meta jiżviluppaw il-pjanijiet rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli jenħtieġ li jikkunsidraw li jinkludu dispożizzjonijiet għall-proġetti tal-materja prima.

implimentazzjoni tal-proġetti tal-materja prima kritika u jiġu vvalutati l-impatti ambjentali potenzjali tagħhom, għandhom il-potenzjal li jgħinu fil-bilanċ bejn il-beni u l-interessi pubbliċi, jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitt u jitħaffef il-varar sostenibbli tal-proġetti tal-materja prima fl-Unjoni. Għalhekk, meta jiżviluppaw il-pjanijiet rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli jenħtieġ li jikkunsidraw li jinkludu dispożizzjonijiet għall-proġetti tal-materja prima.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Biex jingħelbu l-limitazzjonijiet tal-isforzi tal-investimenti pubbliċi u privati li bħalissa ħafna drabi jkunu frammentati u jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u r-redditu fuq l-investiment, jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-banek promozzjonali jikkoordinaw aħjar u joħolqu sinerġiji bejn il-programmi eżistenti tal-finanzjament fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, u jiżguraw koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar mal-industrija u l-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-settur privat. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit sottogrupp apposta fil-Bord li jlaqqa' flimkien lill-esperti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni kif ukoll tal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi rilevanti. Dan is-sottogrupp jenħtieġ li jiddiskuti l-ħtiġijiet ta' finanzjament individwali tal-Proġetti Strateġiċi u l-possibbiltajiet tal-finanzjament eżistenti tagħhom biex il-promoturi tal-proġetti jingħataw suġġeriment dwar kif l-aħjar li jaċċessaw il-possibbiltajiet tal-finanzjament eżistenti. Meta jiddiskuti u	(28) Biex jingħelbu l-limitazzjonijiet tal-isforzi tal-investimenti pubbliċi u privati li bħalissa ħafna drabi jkunu frammentati u jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u r-redditu fuq l-investiment, jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-banek promozzjonali jikkoordinaw aħjar u joħolqu sinerġiji bejn il-programmi eżistenti tal-finanzjament fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, u jiżguraw koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar mal-industrija u l-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-settur privat. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit sottogrupp apposta fil-Bord li jlaqqa' flimkien lill-esperti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni kif ukoll tal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi rilevanti. Dan is-sottogrupp jenħtieġ li jiddiskuti l-ħtiġijiet ta' finanzjament individwali tal-Proġetti Strateġiċi u l-possibbiltajiet tal-finanzjament eżistenti tagħhom biex il-promoturi tal-proġetti jingħataw suġġeriment dwar kif l-aħjar li jaċċessaw il-possibbiltajiet tal-finanzjament eżistenti. Meta jiddiskuti u

jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-finanzjament tal-Proġetti Strateġiċi fil-pajjiżi terzi, il-Bord jenħtieġ li jikkunsidra b'mod partikolari l-istrateġija dwar il-Portal Globali[42].

[42] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsil, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Il-Portal Globali (JOIN/2021/30 final).

jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-finanzjament tal-Proġetti Strateġiċi fil-pajjiżi terzi, il-Bord jenħtieġ li jikkunsidra b'mod partikolari l-istrateġija dwar il-Portal Globali[42]. ***Barra minn hekk, il-Bord għandu jiżgura li l-finanzjament ta' Proġetti Strateġiċi f'pajjiżi terzi jikkonforma mal-objettivi u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament NDICI – Ewropa Globali u l-linji gwida u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-investiment.***

[42] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsil, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Il-Portal Globali (JOIN/2021/30 final).

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Id-data u s-servizzi spazjali derivati mill-osservazzjoni tad-dinja jistgħu ***jappoġġaw*** l-isforzi għal ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika sostenibbli billi jipprovdu fluss kontinwu tal-informazzjoni, li jaf ikun utli għal attivitajiet bħall-monitoraġġ u l-ġestjoni taż-żoni tal-estrazzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiku, jew l-esplorazzjoni tar-riżorsi minerali. Peress li l-osservazzjoni tad-dinja tista' tipprovdi wkoll data dwar żoni remoti u inaċċessibbli, din jenħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-Istati Membri meta jfasslu u jimplimentaw il-programmi nazzjonali tal-esplorazzjoni tagħhom sa fejn ikun possibbli.	(33) Id-data u s-servizzi spazjali derivati mill-osservazzjoni tad-dinja jistgħu ***jappoġġjaw*** l-isforzi għal ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika sostenibbli billi jipprovdu fluss kontinwu tal-informazzjoni, li jaf ikun utli għal attivitajiet bħall-monitoraġġ u l-ġestjoni taż-żoni tal-estrazzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiku, jew l-esplorazzjoni tar-riżorsi minerali. Peress li l-osservazzjoni tad-dinja tista' tipprovdi wkoll data dwar żoni remoti u inaċċessibbli, din jenħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-Istati Membri meta jfasslu u jimplimentaw il-programmi nazzjonali tal-esplorazzjoni tagħhom sa fejn ikun possibbli. ***Fl-istess ħin, jenħtieġ li ssir valutazzjoni dwar kif għandhom jintużaw is-servizzi ta' Copernicus u teknoloġija spazjali oħra biex jiġu identifikati każijiet ta' sfruttament illegali u predatorju, li***

jenħtieġ li jiġu miġġielda b'mod addizzjonali, filwaqt li tiżdied id-disponibbiltà ta' dak il-materjal għal proġetti legali, li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u sostenibbli.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Għalkemm it-tisħiħ tal-katina tal-valur tal-materja prima kritika tal-Unjoni hu meħtieġ biex niżguraw aktar sigurtà tal-provvista, il-ktajjen tal-provvista tal-materja prima kritika se jibqgħu dinjin u esposti għal fatturi esterni. Avvenimenti ***riċenti*** jew attwali, fosthom il-kriżi tal-COVID-19 u l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna ħarġu fid-dieher il-vulnerabbiltà ta' wħud mill-ktajjen tal-provvista tal-Unjoni għat-tfixkil. Biex ikun żgurat li l-Istati Membri u l-industriji Ewropej ikunu jistgħu jantiċipaw it-tfixkil fil-provvista u jkunu ppreparati biex jifilħu l-konsegwenzi tagħhom, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri li jżidu l-kapaċità tal-monitoraġġ, jikkoordinaw l-istokkijiet strateġiċi u jsaħħu t-tħejjija tal-kumpaniji.	(34) Għalkemm it-tisħiħ tal-katina tal-valur tal-materja prima kritika tal-Unjoni hu meħtieġ biex niżguraw aktar sigurtà tal-provvista, il-ktajjen tal-provvista tal-materja prima kritika se jibqgħu dinjin u esposti għal fatturi esterni. Avvenimenti ***reċenti*** jew attwali, fosthom il-kriżi tal-COVID-19 u l-aggressjoni militari ***Russa*** mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna ***u l-assertività dejjem tikber tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-pożizzjoni aggressiva tagħha kontra t-Tajwan, kif ukoll sitwazzjoni ġeopolitika ġeneralment aktar kumplessa madwar id-dinja,*** ħarġu fid-dieher il-vulnerabbiltà ta' wħud mill-ktajjen tal-provvista tal-Unjoni għat-tfixkil. Biex ikun żgurat li l-Istati Membri u l-industriji Ewropej ikunu jistgħu jantiċipaw it-tfixkil fil-provvista u jkunu ppreparati biex jifilħu l-konsegwenzi tagħhom, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri li jżidu l-kapaċità tal-monitoraġġ***,*** ***jiskambjaw informazzjoni***, jikkoordinaw l-istokkijiet strateġiċi u jsaħħu t-tħejjija tal-kumpaniji.

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Biex jiġi indirizzat in-nuqqas attwali tal-informazzjoni dwar il-potenzjal tal-materja prima kritika tal-faċilitajiet magħluqa tal-iskart tal-estrazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu bażi tad-data bl-informazzjoni kollha rilevanti għall-promozzjoni tal-irkupru, b'mod partikolari l-kwantitajiet u l-konċentrazzjonijiet tal-materja prima kritika fil-faċilità tal-iskart tal-estrazzjoni skont r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. L-informazzjoni jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku u b'format faċli għall-utent u diġitali, ħalli jingħata aċċess għal informazzjoni teknika aktar dettaljata. Biex jiżdied l-aċċess għall-informazzjoni li jkun faċli għall-utent, l-Istati Membri jenħtieġ li pereżempju jipprovdu punt ta' kuntatt biex ***isir*** skambji aktar ***dettaljat*** mal-iżviluppaturi potenzjali ta' proġetti tal-irkupru tal-materja prima kritika. Il-bażi tad-data jenħtieġ li tkun imfassla b'tali mod li tippermetti lill-promoturi potenzjali tal-proġetti jidentifikaw faċilment il-faċilitajiet b'potenzjal qawwi ta' rkupru ekonomikament vijabbli. Biex jiffukaw ir-riżorsi limitati, l-Istati Membri jenħtieġ li jħaddmu approċċ gradwali fil-ġbir tal-informazzjoni, u l-passi tal-ġbir tal-informazzjoni li huma aktar impenjattivi jwettquhom biss għall-aktar faċilitajiet promettenti. L-attivitajiet tal-ġbir tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu mmirati biex jipprovdu informazzjoni eżatta u rappreżentattiva dwar il-faċilitajiet tal-iskart tal-estrazzjoni u biex jiksbu l-aħjar indikazzjoni possibbli tal-potenzjal tal-irkupru tal-materja prima kritika.	(46) Biex jiġi indirizzat in-nuqqas attwali tal-informazzjoni dwar il-potenzjal tal-materja prima kritika tal-faċilitajiet magħluqa tal-iskart tal-estrazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu bażi tad-data bl-informazzjoni kollha rilevanti għall-promozzjoni tal-irkupru, b'mod partikolari l-kwantitajiet u l-konċentrazzjonijiet tal-materja prima kritika fil-faċilità tal-iskart tal-estrazzjoni skont r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. L-informazzjoni jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku u b'format faċli għall-utent u diġitali, ħalli jingħata aċċess għal informazzjoni teknika aktar dettaljata. Biex jiżdied l-aċċess għall-informazzjoni ***interattiv u*** li jkun faċli għall-utent, l-Istati Membri jenħtieġ li pereżempju jipprovdu punt ta' kuntatt biex ***isiru*** skambji aktar ***dettaljati*** mal-iżviluppaturi potenzjali ta' proġetti tal-irkupru tal-materja prima kritika. Il-bażi tad-data jenħtieġ li tkun imfassla b'tali mod li tippermetti lill-promoturi potenzjali tal-proġetti jidentifikaw faċilment il-faċilitajiet b'potenzjal qawwi ta' rkupru ekonomikament vijabbli. Biex jiffukaw ir-riżorsi limitati, l-Istati Membri jenħtieġ li jħaddmu approċċ gradwali fil-ġbir tal-informazzjoni, u l-passi tal-ġbir tal-informazzjoni li huma aktar impenjattivi jwettquhom biss għall-aktar faċilitajiet promettenti. L-attivitajiet tal-ġbir tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu mmirati biex jipprovdu informazzjoni eżatta u rappreżentattiva dwar il-faċilitajiet tal-iskart tal-estrazzjoni u biex jiksbu l-aħjar indikazzjoni possibbli tal-potenzjal tal-irkupru tal-materja prima kritika.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Il-materja prima kritika mibjugħa fis-suq tal-Unjoni spiss tiġi ċċertifikata fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-produzzjoni u tal-katina tal-provvista tagħha. Iċ-ċertifikazzjoni tista' tinkiseb fil-kuntest ta' firxa wiesgħa ta' skemi taċ-ċertifikazzjoni pubbliċi u privati disponibbli b'ambiti u strettezzi differenti, li joħolqu l-potenzjal ta' konfużjoni rigward in-natura u l-veraċità tal-asserzjonijiet magħmula dwar is-sostenibbiltà relattiva tal-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni abbażi ta' tali ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirrikonoxxu l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni li jenħtieġ li jitqiesu bħala komprensivi u affidabbli, u li jipprovdu bażi komuni għall-awtoritajiet u għall-parteċipanti fis-suq biex jagħmlu valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-materja prima kritika. Ir-rikonoxximent jenħtieġ li jingħata biss lill-iskemi taċ-ċertifikazzjoni li jkopru firxa wiesgħa ta' aspetti tas-sostenibbiltà, fosthom il-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem inkluż id-drittijiet tax-xogħol u t-trasparenza kummerċjali, u li fihom dispożizzjonijiet għal verifika indipendenti u monitoraġġ tal-konformità minn partijiet terzi. Biex ikunu żgurati proċeduri effiċjenti, jenħtieġ li l-promoturi tal-proġetti li japplikaw biex jiġu rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi jitħallew jistrieħu fuq il-parteċipazzjoni fi skema rikonoxxuta biex juru li l-proġett tagħhom ikun qed jiġi implimentat b'mod sostenibbli.	(49) Il-materja prima kritika mibjugħa fis-suq tal-Unjoni spiss tiġi ċċertifikata fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-produzzjoni u tal-katina tal-provvista tagħha. Iċ-ċertifikazzjoni tista' tinkiseb fil-kuntest ta' firxa wiesgħa ta' skemi taċ-ċertifikazzjoni pubbliċi u privati disponibbli b'ambiti u strettezzi differenti, li joħolqu l-potenzjal ta' konfużjoni rigward in-natura u l-veraċità tal-asserzjonijiet magħmula dwar is-sostenibbiltà relattiva tal-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni abbażi ta' tali ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirrikonoxxu l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni li jenħtieġ li jitqiesu bħala komprensivi u affidabbli, u li jipprovdu bażi komuni għall-awtoritajiet u għall-parteċipanti fis-suq biex jagħmlu valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-materja prima kritika. Ir-rikonoxximent jenħtieġ li jingħata biss lill-iskemi taċ-ċertifikazzjoni li jkopru firxa wiesgħa ta' aspetti tas-sostenibbiltà, fosthom il-protezzjoni ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem inkluż id-drittijiet tax-xogħol u t-trasparenza kummerċjali, u li fihom dispożizzjonijiet ***għall-proċess ta' diliġenza dovuta inkluża d-diliġenza dovuta fir-rigward tax-xogħol furzat,*** għal verifika indipendenti u monitoraġġ tal-konformità minn partijiet terzi. Biex ikunu żgurati proċeduri effiċjenti, jenħtieġ li l-promoturi tal-proġetti li japplikaw biex jiġu rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi jitħallew jistrieħu fuq il-parteċipazzjoni fi skema rikonoxxuta biex juru li l-proġett tagħhom ikun qed jiġi implimentat b'mod sostenibbli.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Il-produzzjoni tal-materja prima kritika fi stadji differenti tal-katina tal-valur ***tikkaġuna*** impatti ambjentali, fuq il-klima, l-ilma, il-fawna jew il-flora. Biex ***tiġi limitata tali*** ħsara u tiġi inċentivata l-produzzjoni ta' materja prima kritika aktar sostenibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tiżviluppa sistema għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-materja prima kritika, inkluż proċess ta' verifika, biex tiżgura li l-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni turi pubblikament l-informazzjoni dwar dik l-impronta. Is-sistema jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-kunsiderazzjoni ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi u standards internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja. Ir-rekwiżit li ***tiġi ddikjarata*** l-impronta ambjentali ta' materjal jenħtieġ li japplika biss meta jkun ġie konkluż, abbażi ta' valutazzjoni apposta, li dan jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni billi jiffaċilita l-akkwist tal-materja prima kritika b'impronta ambjentali aktar baxxa u ma jaffettwax b'mod sproporzjonat il-flussi kummerċjali. Meta jkunu ġew adottati l-metodi tal-kalkolu rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa klassijiet tal-prestazzjoni għall-materja prima kritika, u b'hekk tippermetti lix-xerrejja potenzjali jqabblu faċilment l-impronta ambjentali relattiva tal-materjali disponibbli u jmexxu s-suq lejn materjali aktar sostenibbli. Il-bejjiegħa tal-materja prima kritika jenħtieġ li jiżguraw li d-dikjarazzjoni tal-impronta ambjentali tkun disponibbli għall-klijenti tagħhom. It-trasparenza dwar l-impronta relattiva tal-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni tista' tippermetti wkoll politiki oħra fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, bħal	(50) ***Il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-użu tax-xogħol furzat huwa wieħed mill-prinċipji gwida tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi esterni tal-Unjoni.*** Il-produzzjoni tal-materja prima kritika fi stadji differenti tal-katina tal-valur ***jista' jkollha effetti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u jkollha*** impatti ambjentali, fuq il-klima, l-ilma, il-fawna jew il-flora. Biex ***jiġu limitati abbużi potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem u*** ħsara ***potenzjali fuq l-ambjent*** u tiġi inċentivata l-produzzjoni ta' materja prima kritika aktar sostenibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tiżviluppa sistema għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-materja prima kritika, inkluż proċess ta' verifika, biex tiżgura li l-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni turi pubblikament l-informazzjoni dwar dik l-impronta. Is-sistema jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-kunsiderazzjoni ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi u standards internazzjonali rilevanti***, inkluż*** fil-qasam tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja. Ir-rekwiżit li ***jiġu ddikjarati*** l-impronta ambjentali ***u dik fuq id-drittijiet tal-bniedem*** ta' materjal jenħtieġ li japplika biss meta jkun ġie konkluż, abbażi ta' valutazzjoni apposta, li dan jikkontribwixxi għall-objettivi ***tad-drittijiet tal-bniedem u dawk*** klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni billi jiffaċilita l-akkwist tal-materja prima kritika b'impronta ambjentali aktar baxxa ***u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem*** u ma jaffettwax b'mod sproporzjonat il-flussi kummerċjali. Meta jkunu ġew adottati l-metodi tal-kalkolu rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa klassijiet tal-prestazzjoni għall-materja

inċentivi jew kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiċi, li jippromwovu l-produzzjoni tal-materja prima kritika b'impatti ambjentali aktar baxxi.	prima kritika, u b'hekk tippermetti lix-xerrejja potenzjali jqabblu faċilment l-impronta ambjentali ***u dik fuq id-drittijiet tal-bniedem*** relattiva tal-materjali disponibbli u jmexxu s-suq lejn materjali aktar sostenibbli. Il-bejjiegħa tal-materja prima kritika jenħtieġ li jiżguraw li d-dikjarazzjoni tal-impronta ambjentali tkun disponibbli għall-klijenti tagħhom ***b'mod ċar u aċċessibbli***. It-trasparenza dwar l-impronta relattiva tal-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni tista' tippermetti wkoll politiki oħra fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, bħal inċentivi jew kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiċi, li jippromwovu l-produzzjoni tal-materja prima kritika b'impatti ambjentali aktar baxxi.

Emenda 27
Proposta għal regolament
Premessa 53a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(53a) L-Aġenda 2030 tat impetu ġdid biex jinkiseb għajxien imtejjeb mir-riżorsi estrattivi, dment li tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-fehmiet u l-aspettattivi tal-atturi ewlenin kollha fil-pajjiżi ta' oriġini u ospitanti, biex jiġu rrikonċiljati kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli u sigurtà tal-provvista, bħall-Viżjoni Afrikana fuq it-Tħaffir fil-Minjieri u l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Materja Prima. Fil-livell lokali, jenħtieġ li jiġu implimentati mudelli ta' negozju inklużivi li fihom il-komunitajiet lokali jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet, id-drittijiet tagħhom jiġu protetti u jibbenefikaw mill-industriji estrattivi.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) L-Unjoni kkonkludiet Sħubijiet Strateġiċi li jkopru l-materja prima ma' pajjiżi terzi biex timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 dwar il-Materja Prima Kritika. Biex tiġi ddiversifikata l-provvista, dawn l-isforzi jenħtieġ li jissoktaw. Biex jiġi żviluppat u żgurat qafas koerenti għall-konklużjoni tas-sħubijiet futuri, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bħala parti mill-interazzjoni tagħhom fuq il-Bord, jenħtieġ li jiddiskutu u jiżguraw koordinazzjoni, fost l-oħrajn, dwar jekk is-sħubijiet eżistenti jilħqux l-għanijiet maħsuba, il-prijoritizzazzjoni tal-pajjiżi terzi għal sħubijiet ġodda, il-kontenut ta' tali sħubijiet, u l-koerenza u s-sinerġiji potenzjali tagħhom bejn il-kooperazzjoni bilaterali tal-Istati Membri mal-pajjiżi terzi rilevanti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfittex sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku mas-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, b'koerenza mal-istrateġija tagħha dwar il-Portal Globali, li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista tal-materja prima tagħha u jżidu l-valur tal-produzzjoni f'dawn il-pajjiżi.	(54) L-Unjoni kkonkludiet Sħubijiet Strateġiċi li jkopru l-materja prima ma' pajjiżi terzi biex timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 dwar il-Materja Prima Kritika. Biex tiġi ddiversifikata l-provvista, dawn l-isforzi jenħtieġ li jissoktaw. ***Irid isir ukoll sforz ulterjuri għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, speċjalment mas-sħab tal-istess fehma, il-pajjiżi li jipparteċipaw fis-suq intern jew il-pajjiżi kandidati.*** Biex jiġi żviluppat u żgurat qafas koerenti għall-konklużjoni tas-sħubijiet futuri, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bħala parti mill-interazzjoni tagħhom fuq il-Bord***, u b'involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew***, jenħtieġ li jiddiskutu u jiżguraw koordinazzjoni, fost l-oħrajn, dwar jekk is-sħubijiet eżistenti jilħqux l-għanijiet maħsuba, il-prijoritizzazzjoni tal-pajjiżi terzi għal sħubijiet ġodda, il-kontenut ta' tali sħubijiet, u l-koerenza u s-sinerġiji potenzjali tagħhom bejn il-kooperazzjoni bilaterali tal-Istati Membri mal-pajjiżi terzi rilevanti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfittex sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku mas-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, b'koerenza mal-istrateġija tagħha dwar il-Portal Globali, li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista tal-materja prima tagħha u jżidu l-valur tal-produzzjoni f'dawn il-pajjiżi. ***Is-sħubijiet strateġiċi jenħtieġ li jinkludu impenji mill-Unjoni biex toffri assistenza teknika bil-għan li tindirizza l-flussi finanzjarji illeċiti, ittejjeb ir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tal-korporazzjonijiet tranżnazzjonali u r-regolamentazzjoni finanzjarja, kif ukoll assistenza teknika lill-gvernijiet u lill-atturi privati biex jappoġġjaw il-***

konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Biex tiġi ***appoġġata*** l-implimentazzjoni ta' kompiti relatati mal-iżvilupp ta' Proġetti Strateġiċi u l-finanzjament, il-programmi tal-esplorazzjoni, il-kapaċitajiet tal-monitoraġġ jew l-istokkijiet strateġiċi tagħhom u biex il-Kummissjoni tingħata pariri xierqa, jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika. Jenħtieġ li l-Bord ikun magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, filwaqt li jkun jista' jiżgura l-parteċipazzjoni ta' partijiet oħra bħala osservaturi. Biex jiġi żviluppat l-għarfien espert meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' ċerti kompiti, il-Bord jenħtieġ li jistabbilixxi sottogruppi permanenti dwar il-finanzjament, l-esplorazzjoni, il-monitoraġġ ***u*** l-istokkijiet strateġiċi, li jenħtieġ li jaġixxu bħala network billi jiġbru flimkien lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti differenti u, meta meħtieġ, jikkonsultaw lill-industrija, lill-akkademja, lis-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Jenħtieġ li l-pariri u l-opinjonijiet tal-Bord ma jkunux vinkolanti u n-nuqqas ta' tali parir jew opinjoni jenħtieġ li ma jipprevjenix lill-Kummissjoni milli twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.	(55) Biex tiġi ***appoġġjata*** l-implimentazzjoni ta' kompiti relatati mal-iżvilupp ta' Proġetti Strateġiċi u l-finanzjament, il-programmi tal-esplorazzjoni, il-kapaċitajiet tal-monitoraġġ jew l-istokkijiet strateġiċi tagħhom u biex il-Kummissjoni tingħata pariri xierqa, jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika. Jenħtieġ li l-Bord ikun magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, filwaqt li jkun jista' jiżgura l-parteċipazzjoni ta' partijiet oħra bħala osservaturi***, bħal akkademiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet oħra tal-UE, u aġenziji tal-UE. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jenħtieġ li tiġi mistiedna tieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord u tiġi kkonsultata għal kwistjonijiet relatati mal-provvista ta' materja prima kritika li jaffettwaw direttament lill-industrija tad-difiża***. Biex jiġi żviluppat l-għarfien espert meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' ċerti kompiti, il-Bord jenħtieġ li jistabbilixxi sottogruppi permanenti dwar il-finanzjament, l-esplorazzjoni, il-monitoraġġ***,*** l-istokkijiet strateġiċi ***u s-sostenibbiltà***, li jenħtieġ li jaġixxu bħala network billi jiġbru flimkien lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti differenti u, meta meħtieġ, jikkonsultaw lill-industrija, lill-akkademja, lis-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Jenħtieġ li l-pariri u l-opinjonijiet tal-Bord ma jkunux vinkolanti u n-nuqqas ta' tali parir jew opinjoni jenħtieġ li ma jipprevjenix lill-Kummissjoni milli twettaq

il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament għandu l-objettiv ġenerali li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas li jiżgura l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika.	1. Dan ir-Regolament għandu l-objettiv ġenerali li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas li jiżgura l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura***, mingħajr xkiel*** u sostenibbli tal-materja prima kritika ***u strateġika, filwaqt li jsaħħaħ is-sħubijiet demokratiċi eżistenti u joħloq rabtiet diplomatiċi ġodda***.

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) il-kapaċità tar-riċiklaġġ tal-Unjoni, inkluż għall-istadji intermedji kollha tar-riċiklaġġ, tkun tista' tipproduċi mill-anqas ***15*** % tal-konsum annwali tal-Unjoni tal-materja prima strateġika.	(iii) il-kapaċità tar-riċiklaġġ tal-Unjoni, inkluż għall-istadji intermedji kollha tar-riċiklaġġ, tkun tista' tipproduċi mill-anqas ***25*** % tal-konsum annwali tal-Unjoni tal-materja prima strateġika.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddiversifika l-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-materja prima strateġika biex jiżgura li l-konsum annwali tal-Unjoni sal-2030 ta' kull materja prima strateġika fi kwalunkwe stadju rilevanti tal-ipproċessar	(b) jiddiversifika l-importazzjonijiet tal-Unjoni tal-materja prima strateġika biex jiżgura li l-konsum annwali tal-Unjoni sal-2030 ta' kull materja prima strateġika fi kwalunkwe stadju rilevanti tal-ipproċessar

ikun jista' jistrieħ fuq importazzjonijiet minn diversi pajjiżi terzi, li l-ebda wieħed minnhom ma jipprovdi aktar minn 65 % tal-konsum annwali tal-Unjoni***;***	ikun jista' jistrieħ fuq importazzjonijiet minn diversi pajjiżi terzi, li l-ebda wieħed minnhom ma jipprovdi aktar minn 65 % tal-konsum annwali tal-Unjoni***, u jkompli jaħdem biex ikompli jnaqqas il-livell ta' dipendenza fuq pajjiżi terzi individwali, b'mod partikolari fuq dawk rikonoxxuti mill-Unjoni bħala rivali sistemiċi li jikkostitwixxu theddida diretta għall-Unjoni u joħolqu theddida għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, u għall-pajjiżi li jonqsu milli jirrispettaw l-istandards demokratiċi fundamentali.***

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) itejjeb il-kapaċità tal-Unjoni li timmonitorja u ttaffi r-riskju tal-provvista relatat mal-materja prima kritika;	(c) itejjeb il-kapaċità tal-Unjoni li timmonitorja u ttaffi r-riskju tal-provvista relatat mal-materja prima kritika***, filwaqt li tqis il-kompetittività globali u tevita kwalunkwe kost eċċessiv***;

Or. en

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jiżgura l-moviment liberu tal-materja prima kritika u tal-prodotti li fihom il-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, billi jtejjeb iċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà tagħhom***.***	(d) jiżgura l-moviment liberu tal-materja prima kritika u tal-prodotti li fihom il-materja prima kritika mqiegħda fis-suq tal-Unjoni filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali ***u sostenibbiltà***, billi jtejjeb iċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà tagħhom***;***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d a) issaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tilħaq l-objettivi tagħha fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża billi tiżgura l-provvista sigura ta' materja prima kritika u strateġika;

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d b) jaħdem biex tiġi llimitata l-estrazzjoni illegali u predatorja tal-materja prima, li għandha twassal għal disponibbiltà akbar ta' tali materjali għal proġetti li jirrispettaw il-liġi u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

Or. en

Emenda 37
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d c) issaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-istess fehma sabiex jiġu indirizzati b'mod komuni l-isfidi globali eżistenti u futuri.

Or. en

Emenda 38
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Meta***, ***abbażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 42***, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni aktarx ma tilħaqx l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2, ***din għandha tivvaluta l-fattibbiltà*** u l-proporzjonalità ***li tippproponi*** miżuri ***jew li teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni biex tiżgura li jintlaħqu dawk l-objettivi***.	3. ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika rapport, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jiddeskrivi l-metodoloġija tagħha għall-parametri referenzjarji li japplikaw għal kull materja prima strateġika. Dan għandu jinkludi kwantifikazzjoni tal-livell ta' investiment meħtieġ għal kull materjal u ħarsa ġenerali lejn l-ostakli ewlenin li jeħtieġ li jingħelbu. Jekk*** il-Kummissjoni tikkonkludi***, abbażi ta' dan ir-rapport inizjali jew ir-rapporti ta' progress addizzjonali ta' tliet snin imsemmija fl-Artikolu 42,*** li l-Unjoni aktarx ma tilħaqx l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2, ***jeħtieġ li ssir valutazzjoni dwar il-fattibbiltà*** u l-proporzjonalità ***ta'*** miżuri ***ġodda sabiex jiġi żgurat li dawk l-objettivi jkunu jistgħu jinkisbu fil-livell tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 a. Jenħtieġ li jitħeġġeġ djalogu miftuħ u kostanti bejn l-industrija u dawk li jfasslu l-politika biex jiġu identifikati parametri referenzjarji li huma kemm teknikament kif ukoll ekonomikament fattibbli, kif ukoll f'konformità mal-objettivi tal-UE.

Emenda 40
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3 a) "materja prima sekondarja" tfisser sustanza jew materjal irkuprat minn residwi ta' proċessi jew minn prodotti li ma għadhomx jintużaw, li jistgħu jintużaw fi proċessi ta' manifattura minflok jew flimkien ma' materja prima verġni;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 38a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) "prodotti tad-difiża" tfisser prodotti mogħtija fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà skont it-tifsira stabbilita fid-Direttiva 2009/81/KE;

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) "Sħubija Strateġika" tfisser impenn bejn l-Unjoni u pajjiż terz biex tiżdied il-kooperazzjoni relatata mal-katina tal-valur tal-materja prima li hi stabbilita bi strument mhux vinkolanti li jistabbilixxi azzjonijiet konkreti ta' interess reċiproku.	(62) "Sħubija Strateġika" tfisser impenn ***reċiproku*** bejn l-Unjoni u pajjiż terz biex tiżdied il-kooperazzjoni relatata mal-katina tal-valur tal-materja prima li hi stabbilita bi strument mhux vinkolanti li jistabbilixxi azzjonijiet konkreti ta' interess reċiproku.

Or. en

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 62a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(62a) "Kunċett ta' Użu Essenzjali" tfisser kunċett kif deskritt fir-Rapport tal-Kummissjoni "Supporting the Commission in developing an essential use concept" (Appoġġ lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' kunċett ta' użu essenzjali), ippubblikat f'Marzu 2023;

Or. en

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 a. B'deroga mill-Paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha żżid materja prima addizzjonali fil-lista fuq talba tal-Bord jekk il-Bord jew il-Kummissjoni jiskopru waqt li jkunu qed jeżerċitaw l-obbligi ta' monitoraġġ, ittestjar tal-istress u informazzjoni skont l-Artikoli 19.1, 19.2 u 20 ta' dan ir-Regolament bidliet fil-provvista u l-aċċess għal materja prima speċifika li jistgħu jipperikolaw il-provvista u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1.2.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. L-istatus tal-materja prima kritika u strateġika għandu jiġi kkunsidrat fil-leġiżlazzjoni kollha tal-UE fejn il-materjali huma affettwati direttament jew

indirettament kemm fil-leġiżlazzjoni ġenerali, kif ukoll dik speċifika għall-prodott u dik speċifika għas-sustanza.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 b. Il-materja prima kritika u strateġika kollha għandha titqies li tissodisfa l-kriterji tal-"essenzjalità" skont il-Kunċett ta' Użu Essenzjali.

Emenda 47
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. B'deroga mill-Paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista fuq talba tal-Bord jekk il-Bord jew il-Kummissjoni jiskopru waqt li jkunu qed jeżerċitaw l-obbligi ta' monitoraġġ, ittestjar tal-istress u informazzjoni skont l-Artikoli 19.1, 19.2 u 20 ta' dan ir-Regolament bidliet fil-provvista u l-aċċess għal materja prima speċifika li jistgħu jipperikolaw il-provvista u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1.

Or. en

Emenda 48
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara applikazzjoni mill-promotur tal-proġett u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni	1. Wara applikazzjoni mill-promotur tal-proġett u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni

għandha tirrikonoxxi bħala Proġetti Strateġiċi dawk il-proġetti tal-materja prima li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:	għandha tirrikonoxxi bħala Proġetti Strateġiċi dawk il-proġetti tal-materja prima li ***jikkontribwixxu għall-objettivi ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fl-Artikolu 1 u*** jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

Or. en

Emenda 49
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proġett jagħti kontribut sinifikanti għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-materja prima strateġika;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* the project would make a meaningful contribution to the ***Union's*** security of supply of strategic raw materials;

Or. en

Emenda 50
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) il-proġett jikkontribwixxi biex jitnaqqsu r-rivali sistemiċi ta' dipendenza tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi li jonqsu milli jirrispettaw l-istandards demokratiċi fundamentali;

Or. en

Emenda 51
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proġett jitwettaq b'mod sostenibbli, b'mod partikolari fejn jidħlu l-	(c) il-proġett jitwettaq b'mod sostenibbli, b'mod partikolari fejn jidħlu l-

monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti ***ambjentali, l-użu ta' prattiki soċjalment responsabbli*** inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-potenzjal ta' impjiegi ta' kwalità u l-involviment sinifikanti mal-komunitajiet lokali u mas-sħab soċjali rilevanti, u l-użu ta' prattiki kummerċjali trasparenti b'politiki tal-konformità ***adegwati*** biex jiġu evitati u minimizzati r-riskji tal-impatti negattivi fuq il-funzjonament xieraq tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-korruzzjoni u t-tixħim;	monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti ***soċjali u ambjentali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem,*** inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-potenzjal ta' impjiegi ta' kwalità u l-involviment sinifikanti mal-komunitajiet lokali u mas-sħab soċjali rilevanti, u l-użu ta' prattiki kummerċjali trasparenti b'politiki tal-konformità ***b'saħħithom*** biex jiġu evitati u minimizzati r-riskji tal-impatti negattivi fuq il-funzjonament xieraq tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-korruzzjoni u t-tixħim;

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c a) il-proġetti jipprovdu wkoll mekkaniżmu dettaljat tal-ilmenti għall-individwi biex jirrapportaw kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll rimedji għal tali ksur;

Emenda 53
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għall-proġetti fl-Unjoni, l-istabbiliment, l-operazzjoni jew il-produzzjoni tal-proġett ikollhom benefiċċji ***transfruntieri*** lil hinn mill-Istat Membru kkonċernat, inkluż għas-setturi downstream;	(d) għall-proġetti fl-Unjoni, ***li l-proġett jikkontribwixxi għall-volumi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-awtosuffiċjenza fl-Artikolu 1(2)(a) l-inċiż (i), (ii), u (iii) u li*** l-istabbiliment, l-operazzjoni jew il-produzzjoni tal-proġett ikollhom benefiċċji ***transfruntiera*** lil hinn mill-Istat Membru kkonċernat, inkluż għas-setturi downstream;

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) għall-proġetti fil-pajjiżi terzi li huma swieq emerġenti jew ekonomiji li qed jiżviluppaw, il-proġett ***ikollu*** benefiċċju reċiproku għall-Unjoni u għall-pajjiż terz ikkonċernat billi jżid il-valur ***f'dak il-pajjiż***.	(e) għall-proġetti fil-pajjiżi terzi li huma swieq emerġenti jew ekonomiji li qed jiżviluppaw, il-proġett ***jirrispetta l-istandards u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, u jkollu*** benefiċċju reċiproku għall-Unjoni u għall-pajjiż terz ikkonċernat billi jżid il-valur ***lokali, b'mod partikolari permezz ta' mudelli ta' negozju inklużivi li fihom il-komunitajiet lokali jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet, id-drittijiet tagħhom ikunu protetti u jibbenefikaw minn attivitajiet estrattivi, u biex jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni kif ukoll għall-objettivi tas-sigurtà u d-difiża***.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 a. Meta rilevanti, għandha tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà ta' proġetti strateġiċi ta' infrastruttura komplementari li għandhom il-possibbiltà li jtejbu t-trasport u l-komunikazzjoni relatati mal-proġetti strateġiċi tal-materja prima.

Emenda 56
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pjan b'miżuri li ***jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni*** pubblika ***inkluż, meta xieraq,*** l-istabbiliment ta' kanali tal-komunikazzjoni rikorrenti mal-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet lokali, inkluż is-sħab soċjali, l-implimentazzjoni ta' kampanji tal-għarfien u tal-informazzjoni, u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi tal-mitigazzjoni u tal-kumpens;	(d) pjan b'miżuri li ***jiżguraw il-parteċipazzjoni*** pubblika ***u l-kunsens fl-istadji kollha tal-proġett inkluż*** l-istabbiliment ta' kanali tal-komunikazzjoni ***u tal-konsultazzjoni*** rikorrenti mal-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet lokali, inkluż is-sħab soċjali, l-implimentazzjoni ta' kampanji tal-għarfien u tal-informazzjoni, u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi tal-mitigazzjoni u tal-kumpens; ***Meta l-proġett jinvolvi r-risistemazzjoni, pjan li jiddeskrivi kif se jiġu identifikati d-detenturi leġittimi ta' drittijiet tad-dominju ta' art u kif se jipparteċipaw fil-proċess ta' valutazzjoni, u kif il-proċessi ta' kumpens għat-telf ta' assi jew artijiet huma ġusti, f'waqthom u garantiti;***

Or. en

Emenda 57
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi mudell għall-promoturi tal-proġetti biex jippreżentaw l-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Il-mudell jista' jindika kif għandha tiġi espressa l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu 37(2).	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi mudell għall-promoturi tal-proġetti biex jippreżentaw l-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Il-mudell jista' jindika kif għandha tiġi espressa l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat*** f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 37(2) ***mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 58
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-Kummissjoni jidhrilha li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ma tkunx kompluta, din għandha tagħti ***l-opportunità*** lill-applikant li jissottometti l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex l-applikazzjoni timtela fil-ħin.	3. Meta l-Kummissjoni jidhrilha li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ma tkunx kompluta, din għandha tagħti lill-applikant ***aktar kjarifiki dwar l-informazzjoni nieqsa u l-possibbiltà*** li jissottometti l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex l-applikazzjoni timtela fil-ħin.

Or. en

Emenda 59
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika msemmi fl-Artikolu 34 ("il-Bord") għandu, abbażi ta' proċess ġust u trasparenti, jiddiskuti u joħroġ opinjoni dwar il-kompletezza tal-applikazzjoni u jekk il-proġett propost jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(1).	4. Il-Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika msemmi fl-Artikolu 34 ("il-Bord") għandu, abbażi ta' proċess ġust u trasparenti, jiddiskuti u joħroġ opinjoni dwar il-kompletezza tal-applikazzjoni u jekk il-proġett propost jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(1) mhux aktar tard minn tliet xhur mill-applikazzjoni. ***Il-Bord għandu jistieden lir-rappreżentanti rilevanti mill-industrija, il-komunitajiet lokali u s-soċjetà ċivili għal dawn id-diskussjonijiet, u joħroġ opinjoni wara konsultazzjoni wiesgħa.***

Or. en

Emenda 60
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Proġetti li ma jibqgħux rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi għandhom jitilfu d-drittijiet kollha marbuta ma' dak l-istatus skont dan ir-Regolament.	9. Proġetti li ma jibqgħux rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi għandhom jitilfu d-drittijiet kollha marbuta ma' dak l-istatus skont dan ir-Regolament. ***Il-promotur tal-proġett għandu jiżgura li l-ebda informazzjoni sensittiva jew klassifikata dwar il-materja prima kritika tal-UE ma ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' trasparenza f'dan il-paragrafu.***

Or. en

Emenda 61
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Il-fatt li Proġett Strateġiku jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 jew le, għandu jiġi diskuss u maqbul f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali inkarigati minn dawk l-oqfsa leġiżlattivi.

Or. en

Emenda 62
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a a) ipproċessar imħaffef tar-rekwiżiti amministrattivi relatati direttament mal-għoti tal-istatus ta' Proġett Strateġiku u l-implimentazzjoni tal-Proġett;

Or. en

Emenda 63
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) assistenza lill-promoturi tal-proġetti biex ikomplu jżidu l-aċċettazzjoni ***pubblika*** tal-proġett.	(b) assistenza lill-promoturi tal-proġetti biex ***jipprovdu informazzjoni dettaljata lill-pubbliku fil-ħin biex*** ikomplu jżidu ***l-parteċipazzjoni u*** l-aċċettazzjoni ***pubbliċi*** tal-proġett. **.**

Or. en

Emenda 64
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-sorsi privati addizzjonali ta' finanzjament;	(a) is-sorsi privati addizzjonali ta' finanzjament***, b'mod partikolari ġġenerati permezz tal-inizjattiva Global Gateway***;

Or. en

Emenda 65
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proċess tal-għoti tal-permessi;	(a) il-proċess tal-għoti tal-permessi ***u l-proċessi amministrattivi relatati meħtieġa biex jinkiseb il-permess***;

Or. en

Emenda 66
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jfassal programm nazzjonali tal-esplorazzjoni ġenerali maħsub għall-materja prima kritika. Kull Stat Membru għandu jfassal l-ewwel programm bħal dan sa [OP please insert: 1 year after the date of entry into force of this Regulation]***;*** Il-programmi nazzjonali għandhom jiġu rieżaminati u, jekk ikun meħtieġ, jiġu aġġornati mill-anqas kull ***5*** snin.	1. Kull Stat Membru għandu jfassal programm nazzjonali tal-esplorazzjoni ġenerali maħsub għall-materja prima kritika. Kull Stat Membru għandu jfassal l-ewwel programm bħal dan sa *[OP please insert: 1 year after the date of entry into force of this Regulation]***.** Il-programmi nazzjonali għandhom jiġu rieżaminati u, jekk ikun meħtieġ, jiġu aġġornati mill-anqas kull ***tliet*** snin.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d a) L-iżviluppi ġeopolitiċi u l-isfidi tas-sigurtà li qed tiffaċċja l-Unjoni kif ukoll is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Il-Kummissjoni għandha tipproteġi l-produzzjoni tal-materja prima kritika u strateġika Ewropea minn prattiki kummerċjali inġusti billi żżomm u ssaħħaħ il-miżuri ta' difiża kummerċjali, sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi.

Emenda 69
Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali li jipparteċipaw fis-sottogrupp permanenti msemmi fl-Artikolu 35(6)(c), għandha tiżgura li jitwettaq test tal-istress għall-katina tal-provvista ta' kull materja prima strateġika mill-anqas kull ***tliet snin***. Għal dak il-għan, is-sottogrupp permanenti msemmi fl-Artikolu 35(6)(c) għandu jikkoordina u jaqsam l-implimentazzjoni tat-testijiet tal-istress tal-materja prima strateġika differenti mill-awtoritajiet parteċipanti differenti.	Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali li jipparteċipaw fis-sottogrupp permanenti msemmi fl-Artikolu 35(6)***, il-punt*** (c), għandha tiżgura li jitwettaq test tal-istress għall-katina tal-provvista ta' kull materja prima strateġika mill-anqas kull ***sentejn***. Għal dak il-għan, is-sottogrupp permanenti msemmi fl-Artikolu 35(6)***, il-punt*** (c) għandu jikkoordina u jaqsam l-implimentazzjoni tat-testijiet tal-istress tal-materja prima strateġika differenti mill-awtoritajiet parteċipanti differenti.

Or. en

Emenda 70
Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a a) jekk il-materja prima hijiex ikkontrollata minn pajjiżi li jonqsu milli jirrispettaw l-istandards demokratiċi fundamentali u l-punt sa fejn l-Unjoni hija dipendenti fuq il-materja prima partikolari;

Or. en

Emenda 71
Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a b) il-punt sa fejn l-Unjoni tista' tiddependi fuq l-importazzjoni minn pajjiż terz ieħor għal materja prima kritika partikolari;

Or. en

Emenda 72
Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-fatturi li jistgħu jaffettwaw il-provvista, inkluż iżda mhux limitati għas-sitwazzjoni ġeopolitika, il-loġistika, il-provvista tal-enerġija, il-forza tax-xogħol jew id-diżastri naturali;	(c) il-fatturi li jistgħu jaffettwaw il-provvista, inkluż iżda mhux limitati għas-sitwazzjoni ġeopolitika, ***it-tilwim kummerċjali,*** il-loġistika, il-provvista tal-enerġija, il-forza tax-xogħol jew id-diżastri naturali;

Or. en

Emenda 73
Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ebda informazzjoni sensittiva jew klassifikata riċevuta mill-Istati Membri jew aggregata mill-Istati Membri relatata mal-Istati Membri jew mal-materja prima kritika tal-UE ma tiġi ppubblikata fuq dan is-sit web.

Or. en

Emenda 74
Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-operaturi ewlenin tas-suq tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika stabbilita fit-territorju tagħhom u	2. L-Istati Membri għandhom***, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs,*** jidentifikaw l-operaturi ewlenin tas-

għandhom:	suq tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika stabbilita fit-territorju tagħhom u għandhom:

Or. en

Emenda 75
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) direttament jew indirettament proprjetà ta', jew ikkontrollata minn, jew li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' rivali sistemiċi jew pajjiżi li jonqsu milli jirrispettaw l-istandards demokratiċi fundamentali, li jikkontrollaw aktar minn 50 % tal-provvista għall-materja prima strateġika partikolari.

Or. en

Emenda 76
Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b b) l-entitajiet irreġistrati jew li l-ishma tagħhom huma kkontrollati minn rivali sistemiċi li bħalissa mhumiex inklużi f'lista ta' sanzjonijiet iridu jiġu analizzati mill-awtoritajiet kompetenti bi skrutinju addizzjonali u l-kredenzjali tagħhom jiġu vverifikati kif xieraq.

Or. en

Emenda 77
Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iżidu l-ġbir tal-iskart b'potenzjal għoli ta' rkupru tal-materja prima kritika u jiżguraw l-introduzzjoni tagħha fis-sistema xierqa tar-riċiklaġġ, biex jiġu massimizzati d-disponibbiltà u l-kwalità tal-materjal riċiklabbli bħala input għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-materja prima kritika;	(a) iżidu l-ġbir ***u s-seperazzjoni*** tal-iskart b'potenzjal għoli ta' rkupru tal-materja prima kritika u jiżguraw l-introduzzjoni tagħha fis-sistema xierqa tar-riċiklaġġ, biex jiġu massimizzati d-disponibbiltà u l-kwalità tal-materjal riċiklabbli bħala input għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-materja prima kritika;

Or. en

Emenda 78
Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) iżidu l-użu tal-materja prima kritika sekondarja fil-manifattura inkluż, meta xieraq, billi jitqies il-kontenut riċiklat fil-kriterji tal-għoti relatati mal-akkwist pubbliku;	(c) iżidu l-użu tal-materja prima kritika sekondarja ***fl-ipproċessar u*** fil-manifattura inkluż, meta xieraq, billi jitqies il-kontenut riċiklat ***u r-riċiklabbiltà tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu, inkluż*** fil-kriterji tal-għoti relatati mal-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 79
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-gvernijiet jew l-organizzazzjonijiet li żviluppaw u jissorveljaw l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni relatati mas-sostenibbiltà tal-materja prima kritika ("sidien tal-iskemi") jistgħu japplikaw biex l-iskemi tagħhom jiġu rikonoxxuti mill-Kummissjoni.	Il-gvernijiet jew l-organizzazzjonijiet ***b'diversi partijiet ikkonċernati*** li żviluppaw u jissorveljaw l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni relatati mas-sostenibbiltà tal-materja prima kritika ("sidien tal-iskemi") jistgħu japplikaw biex l-iskemi tagħhom jiġu rikonoxxuti mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 80
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha minn żmien għal żmien tivverifika li l-iskemi rikonoxxuti jkun għadhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV.	3. Il-Kummissjoni għandha minn żmien għal żmien tivverifika li l-iskemi rikonoxxuti jkun għadhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV ***u jkunu konformi mad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva u d-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà biex jiġi żgurat li l-Proġetti Strateġiċi jissodisfaw l-ogħla standards ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem***.

Or. en

Emenda 81
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5 a. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa portal fejn il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jissottomettu feedback u informazzjoni dwar evidenza ta' każijiet ripetuti jew sinifikanti fejn l-operaturi ekonomiċi li jimplimentaw skema rikonoxxuta jkunu naqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dik l-iskema, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel valutazzjoni indipendenti.

Or. en

Emenda 82
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta l-Kummissjoni tidentifika defiċjenzi fi skema rikonoxxuta li jaffettwaw il-bażi għar-rikonoxximent, din tista' tagħti perjodu ta' żmien xieraq lis-sid tal-iskema biex jieħu azzjoni ta' rimedju.	6. Meta l-Kummissjoni***, f'konformità mal-paragrafu 5 u 5a,*** tidentifika defiċjenzi fi skema rikonoxxuta li jaffettwaw il-bażi għar-rikonoxximent, din tista' tagħti perjodu ta' żmien xieraq lis-sid tal-iskema biex jieħu azzjoni ta' rimedju. ***Dan il-perjodu m'għandux ikun itwal minn sitt xhur.***

Or. en

Emenda 83
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Is-Sħubijiet Strateġiċi konklużi mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi għandu jkun fihom miżuri konkreti li jikkontribwixxu lejn:
	(i) it-titjib tas-sigurtà, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-Unjoni ta' materja prima kritika elenkata fl-Anness II;
	(ii) il-parametru referenzjarju stabbilit fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2, il-punt (b);
	(iii) it-titjib tal-kooperazzjoni u r-responsabbiltà kondiviża tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab fil-kisba tal-objettivi maqbula tas-sħubija, filwaqt li jiġi rrispettat l-ispazju tal-politika tal-UE u tal-pajjiżi sħab;
	(iv) l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi sħab, b'mod partikolari għall-ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw, permezz ta' qafas ta' governanza li jagħti prijorità lid-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jippromwovi wkoll l-użu ta' prattiki ta' ekonomija ambjentalment sostenibbli u ċirkolari u kundizzjonijiet tax-xogħol

	deċenti;
	(v) iż-żieda taż-żieda fil-valur lokali billi tiġi ffaċilitata l-manifattura ta' prodotti lesti u nofshom lesti fl-industriji downstream rilevanti, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni jew l-appoġġ ta' investiment privat u pubbliku;

Or. en

Emenda 84
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord għandu jiddiskuti minn żmien għal żmien:	1. ***Sabiex jevalwa l-implimentazzjoni u l-impatt ta' dan ir-Regolament,*** il-Bord għandu jiddiskuti minn żmien għal żmien:

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt a – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i a) it-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq pajjiżi terzi, b'mod partikolari fuq pajjiżi terzi li huma rikonoxxuti mill-Unjoni bħala rivali sistemiċi, li jikkostitwixxu theddida diretta għall-Unjoni u/jew huma ta' theddida għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli u l-valuri demokratiċi ewlenin;

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) it-titjib tal-kooperazzjoni tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab;	(iii) it-titjib tal-kooperazzjoni ***u l-koordinazzjoni*** tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika ***u strateġika*** bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab***, inkluż permezz tas-Sħubija għas-Sigurtà tal-Minerali u l-Konferenza dwar il-Materjali Kritiċi u l-Minerali***;

Emenda 87
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-kontribut potenzjali għas-sigurtà tal-provvista, filwaqt li jitqiesu r-riżervi potenzjali, il-kapaċitajiet tal-estrazzjoni, tal-ipproċessar u tar-riċiklaġġ ta' pajjiż terz relatati mal-materja prima kritika;	(i) il-kontribut potenzjali għas-sigurtà tal-provvista ***u d-diversifikazzjoni***, filwaqt li jitqiesu r-riżervi potenzjali, il-kapaċitajiet tal-estrazzjoni, tal-ipproċessar u tar-riċiklaġġ ta' pajjiż terz relatati mal-materja prima kritika ***kif ukoll l-affidabbiltà tagħha bħala fornitur***;

Or. en

Emenda 88
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jekk il-qafas regolatorju ta' pajjiż terz ***jiżgurax*** il-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti ambjentali, l-użu ta' prattiki soċjalment responsabbli inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-involviment sinifikanti mal-komunitajiet lokali, l-użu ta' prattiki kummerċjali trasparenti u l-prevenzjoni tal-impatti negattivi fuq il-funzjonament tajjeb tal-amministrazzjoni pubblika u l-istat tad-dritt;	(ii) jekk il-qafas regolatorju ta' pajjiż terz ***u l-qafas ta' governanza għall-implimentazzjoni tiegħu jiżgurawx*** il-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-impatti ***soċjali u*** ambjentali, l-użu ta' prattiki soċjalment responsabbli inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-involviment sinifikanti mal-komunitajiet lokali ***u kunsens liberu minn qabel u infurmat minnhom***, l-użu ta' prattiki kummerċjali ***responsabbli u*** trasparenti u l-prevenzjoni tal-impatti negattivi fuq il-funzjonament

tajjeb tal-amministrazzjoni pubblika u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 89
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt c – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iii a) jekk hemmx proċessi ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fis-seħħ fil-pajjiż sieħeb biex jippermettu l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-implimentazzjoni tas-sħubija;

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt c – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv a) il-potenzjal li jinbnew sħubijiet ġodda u tinħoloq kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku b'kisbiet ġeopolitiċi fit-tul;

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt c – punt ivb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv b) jekk pajjiż terz jurix allinjament mal-valuri Ewropej u l-prijoritajiet tal-PESK tal-Unjoni;

Emenda 92
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi għal materja prima kritika fuq rivali sistemiċi jew pajjiżi li jonqsu milli jirrispettaw l-istandards demokratiċi fundamentali;

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord għandu, fil-kuntest tal-paragrafu 1 u sa fejn jirrigwarda s-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, jiżgura l-kooperazzjoni ma' fora rilevanti oħra tal-koordinazzjoni, inkluż dawk stabbiliti bħala parti mill-istrateġija Global Gateway.	2. Il-Bord għandu, fil-kuntest tal-paragrafu 1 u sa fejn jirrigwarda s-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, jiżgura l-kooperazzjoni ma' fora ***u sħab*** rilevanti oħra tal-koordinazzjoni***, speċjalment il-G7***, inkluż dawk stabbiliti bħala parti mill-istrateġija Global Gateway ***u l-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni, inklużi l-komponenti ta' investiment tagħha, u l-approċċ tagħha għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli***.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Il-Bord għandu jfittex kooperazzjoni u koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, speċjalment mas-sħab tal-istess fehma, il-pajjiżi li jipparteċipaw fis-suq intern jew il-pajjiżi kandidati;

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 b. Il-Bord, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u s-SEAE, għandu jiżgura li l-istandards internazzjonali ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati permezz ta' kooperazzjoni ma' korpi internazzjonali bħad-WTO, l-OECD, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u n-Nazzjonijiet Uniti (NU).

Emenda 96
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jikkoordinaw mal-Kummissjoni biex jiżguraw il-koerenza bejn il-kooperazzjoni bilaterali tagħhom ma' pajjiżi terzi rilevanti u s-Sħubijiet Strateġiċi mhux vinkolanti tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi, li l-ambitu tagħhom jinkludi tal-anqas il-katina tal-valur tal-materja prima kritika;	(a) jikkoordinaw mal-Kummissjoni biex jiżguraw il-koerenza bejn il-kooperazzjoni bilaterali tagħhom ma' pajjiżi terzi rilevanti u s-Sħubijiet Strateġiċi mhux vinkolanti tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi, li l-ambitu tagħhom jinkludi tal-anqas il-katina tal-valur tal-materja prima kritika ***u l-garanzija tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija għall-benefiċċju reċiproku bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi***;

Or. en

Emenda 97
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) ifittxu li jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi bilaterali tagħhom fuq rivali sistemiċi jew pajjiżi li jonqsu milli jirrispettaw l-istandards demokratiċi

fundamentali.

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 a. Il-Kummissjoni għandha tintegra komponent ta' materja prima kritika fi ftehimiet internazzjonali eżistenti u futuri.

Emenda 99
Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 b. Is-sħab strateġiċi għandhom jiġu evalwati wkoll filwaqt li jitqiesu l-isfidi li jirriżultaw mir-restrizzjonijiet tat-trasport, inkluż dawk li jirriżultaw kemm min-nuqqas ta' infrastruttura xierqa kif ukoll minn sjieda problematika jew rotot tat-trasport mhux siguri. Il-Kummissjoni għandha tindirizza dawn l-isfidi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u istituzzjonijiet oħra.

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord għandu jkun magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni.	1. Il-Bord għandu jkun magħmul mill-Istati Membri***, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna*** u mill-Kummissjoni.

Għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni.
L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tiġi kkonsultata u mistiedna tipparteċipa fil-Bord meta jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà u d-difiża.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Il-Bord għandu jiżgura koordinazzjoni u kollaborazzjoni regolari mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

Emenda 102
Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d a) sottogrupp dwar is-sostenibbiltà biex jiddiskuti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1)(c) u l-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 103
Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d b) sottogrupp li jlaqqa' flimkien ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industrija u r-rappreżentanti tas-sħab strateġiċi tal-UE biex jikkoordinaw u jesploraw perkorsi għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-kisba tal-objettivi strateġiċi ta' dan ir-Regolament, inkluż

bl-ingranaġġ ta' fora ta' koordinazzjoni strateġika bħall-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta xieraq, il-Bord jista' jistieden lil esperti, partijiet terzi oħra jew rappreżentanti tal-pajjiżi terzi biex jattendu l-laqgħat tas-sottogruppi permanenti jew temporanji msemmija fil-paragrafu 6 bħala osservaturi jew biex jipprovdu kontributi bil-miktub.	Meta xieraq, il-Bord jista' jistieden lil esperti, ***lill-industrija u lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tas-settur privat, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lil akkademiċi,*** partijiet terzi oħra jew rappreżentanti tal-pajjiżi terzi biex jattendu l-laqgħat tas-sottogruppi permanenti jew temporanji msemmija fil-paragrafu 6 bħala osservaturi jew biex jipprovdu kontributi bil-miktub.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9 a. Il-Bord għandu jirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar id-dmirijiet tal-bord u d-diskussjoni li ssir fis-sottogruppi differenti.

Emenda 106
Proposta għal regolament
Anness I – Taqsima 1 – paragrafu 1 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(p a) Erbju

Or. en

Emenda 107
Proposta għal regolament
Anness I – Taqsima 1 – paragrafu 1 – punt pb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(p b) Ewropju

Or. en

Emenda 108
Proposta għal regolament
Anness I – Taqsima 1 – paragrafu 1 – punt pc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(p c) Lantanju

Or. en

Emenda 109
Proposta għal regolament
Anness I – Taqsima 1 – paragrafu 1 – punt pd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(p d) Itterbju

Or. en

Emenda 110
Proposta għal regolament
Anness I – Taqsima 1 – paragrafu 1 – punt pe (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(p e) Ittriju

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jekk il-proġett hux konformi mal-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ***u*** tal-politika barranija tal-Unjoni.	(d) jekk il-proġett hux konformi mal-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp***,*** tal-politika barranija***, tas-sigurtà u tad-difiża*** tal-Unjoni***, u jissodisfax l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent***.

Emenda 112
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) [OP please insert: reference to Regulation of the European Parliament and of the Council on making available on the Union market as well as export from the Union of certain commodities and products associated with deforestation and forest degradation], sa fejn tapplika għall-promotur tal-proġett;

Or. en

Emenda 113
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b b) [OP please insert: reference to Regulation on Batteries and waste batteries], sa fejn tapplika għall-promotur tal-proġett;

Or. en

Emenda 114
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b c) Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli, sa fejn japplika għall-promotur tal-proġett;

Or. en

Emenda 115
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt bd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b d) Id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni, sa fejn tapplika għall-promotur tal-proġett;

Or. en

Emenda 116
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt be (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b e) [OP please insert: Directive on the Protection of journalists and human rights defenders from manifestly unfounded or abusive court proceedings]

Or. en

Emenda 117
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c a) Aktar Konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO;

Or. en

Emenda 118
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i a) Il-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

Or. en

Emenda 119
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i b) Il-prinċipji ta' Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat (FPIC) kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-2007;

Or. en

Emenda 120
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt ic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i c) Għaxar Prinċipji tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti;

Or. en

Emenda 121
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – punt id (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i d) Il-lista tal-Eliġibbiltà, l-Attivitajiet Esklużi u s-Setturi Esklużi tal-BEI.

Or. en

Emenda 122
Proposta għal regolament
Anness III – punt 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jimpenjaw li jiksbu ċertifikazzjoni għall-proġett ikkonċernat bħala parti minn skema rikonoxxuta msemmija fl-Artikolu 29 u jipprovdu evidenza biżżejjed li meta jiġi implimentat il-proġett ikkonċernat ikun jista' jissodisfa l-kriterji għal din iċ-ċertifikazzjoni.	***imħassra***

Or. en

Emenda 123
Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tkun miftuħa b'termini trasparenti, ġusti u nondiskriminatorji għall-operaturi ekonomiċi kollha li lesti u kapaċi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-iskema;	(a) tkun miftuħa b'termini trasparenti, ġusti u nondiskriminatorji għall-operaturi ekonomiċi kollha li lesti u kapaċi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-iskema ***u tiżgura l-ogħla standards possibbli dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, inkluż permezz ta' governanza b'diversi partijiet ikkonċernati***;

Or. en

Emenda 124
Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*
(ii) rekwiżiti li jiżguraw prattiki soċjalment responsabbli, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol;	(ii) rekwiżiti li jiżguraw prattiki soċjalment responsabbli, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 125
Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) rekwiżiti li jiżguraw l-integrità u t-trasparenza tan-negozju, inkluż rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-ġestjoni t-tajba tal-materji finanzjarji, ambjentali u soċjali;	(iii) rekwiżiti li jiżguraw l-integrità u t-trasparenza tan-negozju, inkluż rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-ġestjoni t-tajba tal-materji finanzjarji, ambjentali u soċjali***, u politiki robusti kontra l-korruzzjoni u t-tixħim f'konformità mal-Linji Gwida tal-OECD deskritti fl-Anness III***;

Or. en

Emenda 126
Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) dan jinkludi awditu fuq il-post b'konsultazzjoni wiċċ imb wiċċ mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi l-komunitajiet lokali, is-soċjetà ċivili, il-ħaddiema, u t-trade unions;

Or. en

Emenda 127
Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-verifika u l-monitoraġġ tal-konformità ***jkun*** oġġettivi, abbażi ta' standards, rekwiżiti u proċeduri internazzjonali, tal-Unjoni jew nazzjonali, u mwettqa b'mod indipendenti mill-operatur ekonomiku rilevanti;	(c) il-verifika u l-monitoraġġ tal-konformità ***jkunu*** oġġettivi, abbażi ta' standards, rekwiżiti u proċeduri internazzjonali, tal-Unjoni jew nazzjonali, u mwettqa b'mod indipendenti mill-operatur ekonomiku rilevanti ***permezz tal-użu ta' verifiki ta' partijiet terzi. Tali awditi għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku wara li jitlestew***;

Or. en

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020
Referenzi	COM(2023)0160 – C9-0061/2023 – 2023/0079(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 8.5.2023
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 8.5.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Miriam Lexmann 4.5.2023
Eżami fil-kumitat	24.5.2023
Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 53 –: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Michael Gahler, Kinga Gál, Klemen Grošelj, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, Thierry Mariani, Pedro Marques, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Gheorghe-Vlad Nistor, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Dragoş Tudorache, Viola von Cramon-Taubadel, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Attila Ara-Kovács, Malik Azmani, Jakop G. Dalunde, Georgios Kyrtsos, Sergey Lagodinsky, Juozas Olekas, Nikos Papandreou, Javier Zarzalejos
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Theresa Bielowski, Franc Bogovič, Gilles Boyer, Othmar Karas, Samira Rafaela

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

53	+
ECR	Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi
NI	Kinga Gál
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Franc Bogovič, Michael Gahler, Othmar Karas, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Lukas Mandl, Vangelis Meimarakis, Gheorghe-Vlad Nistor, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Gilles Boyer, Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Georgios Kyrtsos, Ilhan Kyuchyuk, Samira Rafaela, Dragoş Tudorache, Salima Yenbou
S&D	Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Theresa Bielowski, Włodzimierz Cimoszewicz, Dietmar Köster, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Juozas Olekas, Nikos Papandreou, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder
Verts/ALE	François Alfonsi, Reinhard Bütikofer, Jakop G. Dalunde, Sergey Lagodinsky, Viola von Cramon-Taubadel

3	-
ID	Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani
NI	Kostas Papadakis

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni